QORTI CIVILI PRIM`AWLA

ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MCKEON

Illum il-Hamis 15 ta` Dicembru 2016

Kawza Nru. 7
Rik. Nru. 1083/13 JZM

Brian Tonna bhala stralcjarju tas-socjeta` European Insurance Group Limited (C-35708)

kontra

Vincenzo Viscione, Paolo Viscione, Giovanni Sidoti, Oscar Russo, Fabio Solano, Bruno Lago, Luciano Rotondi, Luciano Sorice, Mario Francesco Gerardo Girardi, Pier Giuseppe Giua, Antonio Resciniti, Giuseppe Resciniti, Enzo Resciniti, Andrea Ratti, Maurizio Ceccarelli, Insurance Service srl (c.f. 10436591001), COMPAGNIA GENERALE SERVIZI E FINANZA CO.GE.S.FIN LIMITED (kumpannija Ngliza bin-numru 5265693)

Il-Qorti :

I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fil-11 ta` Novembru 2013 li jaqra hekk :–

Introduzzjoni

*1. Wara li kienet ilha rregistrata Malta mill-21 ta` Frar 2005 (Kopja tac-certifikat ta` registrazzjoni hawn anness u mmarkat Dok "A"), EIG giet illicenzjata mill-Malta Financial Services Authority ("**MFSA**") biex tipprovdi servizzi ta` assikurazzjoni b`effett mit-22 ta` Novembru 2007 (Kopja tal-licenzja hawn annessa u mmarkata Dok "B"). L-awtorizzazzjoni kienet biex EIG tkopri riskji fl-Italja, b`dan li ma setghetx ikollha stabbiliment hemmhekk.*

2. B`effett mis-26 ta` April 2010, EIG giet ipprojbita mill-awtoritajiet Taljani (Istituto per la Vigilanza sulle Assicurazioni Private e di Interesse Collettivo ("ISVAP")) li tidhol f`aktar kuntratti ta` assikurazzjoni fl-Italja (Kopja tal-provvediment tal-ISVAP hawn anness u mmarkat Dok "C").

3. Il-licenzja li kellha EIG biex tipprovdi servizzi ta` assikurazzjoni giet irrevokata mill-MFSA fit-12 ta` Lulju 2010 (Kopja tal-ittra annessa u mmarkata Dok "D").

4. B`effett mis-6 ta` Awwissu 2010, EIG tqieghdet f`amministrazzjoni mill-MFSA: l-Amministratur mahtur kien Raphael Aloisio, ta` Deloitte (Kopja tal-ittra annessa u mmarkata Dok "E").

5. Ir-rikorrent Brian Tonna gie mahtur mill-MFSA bhala stralcjarju ta` EIG b`effett mid-29 ta` Settembru 2011 (Kopja tal-ittra annessa u mmarkata Dok "F").

6. EIG hi nsolventi.

7. Ir-rikorrent sab li EIG tmexxiet bi hsieb ta` frodi tal-krediturl tal-kumpannija u/jew tal-krediturl ta` terzi u/jew bil-ghan ta` frodi, u li l-

intimati, jew min minnhom, kienu persuni li xjentement kienu partijiet fit-tmexxija tan-negozju ta` EIG bil-mod li ghadu kif issemma.

EIG bhala kumpannija

8. Kif inghad, EIG twieldet bhala kumpannija fil-21 ta` Frar 2005 (Ara Dok "A").

9. Il-kapital azzjonarju awtorizzat u mahrug tal-EIG kien ta` hames mitt Liri Maltin (Lm500) maqsum f`hames mitt (500) sehem ta` lira Maltija (Lm 1) il-wahda, interament sottoskritt kif gej: (i) COMPAGNIA GENERALE SERVIZI E FINANZA CO.GE.S.FIN. LIMITED (kumpannija Ngliza bin-numru 5265693) ("**COGESFIN**") (Id-direttur ta` COGESFIN huwa Paolo Viscione sa mid-29 ta` April 2011. Il-kapital azzjonarju ta` COGESFIN huwa ta` GBP 4,701,000 maqsum f`4,701,000 sehem ta` lira Sterlina (GBP 1) il-wahda, interament sottoskritt kif gej: (i) Giovanni Sidoti b`erba` mija u sebghin elf u mitt (470,100) ishma; u Paolo Viscione b`erba` miljun mitejn u tletin elf u disa` mitt (4,230,900) sehem (ara kopja tal-prospett annwali ta` COGESFIN sad-data 31 ta` Awissu 2012, hawn annessa u mmarkata Dok "G") b`erba` mija disgha u disghin (499) ishma; u (ii) Prof. Luciano Rotondi bir-rimanenti sehem wiehed. L-ewwel direttur ta` EIG kien l-istess Prof. Luciano Rotondi (Kopja tal-ewwel memorandum u statut ta` assocjazzjoni tal-EIG hawn anness u mmarkat Dok "H").

10. Fil-5 ta` Novembru 2007, il-kapital azzjonarju awtorizzat tal-EIG zdied ghal hames miljun u hames mitt elf Ewro (€5,500,000) maqsum f` hames miljun u hames mitt elf (5,500,000) sehem ta` Ewro (€1) il-wiehed. COGESFIN issottskriviet ghal hames miljun erba` mija u tmienja u disghin elf u tmien mija u erbghin (5,498,840) ishma ohra ta` Ewro (€1) is-sehem (Kopja tal-Form H dwar l-ghoti ta` ishma rregistrata mar-Registratur tal-Kumpanniji hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok "I").

11. Il-kompozizzjoni ufficjali tal-Bord tad-Diretturi tal-EIG tbiddlet minn zmien ghal zmien. It-tibdil huwa rifless fid-dokument hawn anness u mmarkat Dok "J".

L-operat ta` EIG jitwaqqaf mill-awtorijiet u EIG titqieghed f`amministrazzjoni

12. Kif indikat iktar `l fuq, il-licenzja li l-EIG kienet inghatat biex tipprovdi servizzi ta` assikurazzjoni fis-suq Taljan giet irrevokata mill-MFSA b`effett mit-12 ta` Lulju 2010 (Kopja tal-ittra mibghuta mill-MFSA lid-diretturi ta` EIG biex tinfurmhom bid-decizjoni hawn annessa u mmarkata Dok "D"), u dan wara li fis-26 ta` April 2010 l-ISVAP kienet ordnat lill-EIG li ma tidholx f`aktar kuntratti fl-Italja (Kopja tal-provvediment mahrug mill-Istituto per la Vigilanza sulle Assicurazioni Private e di Interesse Collettivo ("ISVAP") fis-26 ta` April 2010 hawn anness u mmarkat bhala Dok "C"). L-MFSA spjegat ir-ragunijiet li wasslu ghar-revoka tal-licenzja fid-dettal fl-ittra tal-10 ta` Gunju 2010 lid-diretturi ta` EIG (Kopja hawn annessa u mmarkata Dok "K").

*13. Sussegwentement u b`effett mis-6 ta` Awwissu 2010, l-MFSA hatret lil Raphael Aloisio tad-ditta Deloitte (l-"**Amministratur**") biex jiehu f`idejh l-attiv u l-kontroll tal-kummerc tal-EIG skont id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 28(1)(c) u 28(1)(d) tal-Att dwar il-Kummerc tal-Assigurazzjoni (Kap.403 tal-Ligijiet ta` Malta) (Kopja tal-ittra tal-hatra tal-Amministratur hawn annessa u mmarkata Dok "E"). Fis-17 ta` Ottubru 2011, l-Amministratur ipprezenta rapport finali lill-MFSA, iddatat 17 ta` Ottubru 2011 (Kopja hawn annessa u mmarkata Dok "L"), fejn identifika, fost affarijiet ohra, l-kwistjonijiet serji li kienet qed tiffaccja l-kumpannija.*

Il-hatra ta` stralcjarju

14. B`effett mid-29 ta` Settembru 2011, ir-rikorrent Brian Tonna, CPA, ta` Nexia BT, The Penthouse, Suite 2, Capital Business Centre, Entrance C, Triq Taz-Zwejt, San Gwann SGN 3000 (l-"**Istralcjarju**") inhatar mill-MFSA bhala stralcjarju tal-EIG ai termini tal-artikolu 28(1)(f) tal-Att dwar il-Kummerc tal-Assigurazzjoni (Kap.403 tal-Ligijiet ta` Malta) ai fini tal-likwidazzjoni tal-affarijiet tal-EIG (Kopja tal-ittra tal-hatra tal-Istralcjarju hawn annessa u mmarkata Dok "F"). L-inkarigu tal-Amministratur gie fi tmiemu mal-hatra tal-Istralcjarju.

Dikjarazzjoni ta` stat ta` insolvenza

15. Il-verifiki li kien beda jaghmel l-Amministratur u li kompla jinvestiga u jevalwa l-Istralcjarju wasslu lill-Istralcjarju biex jikkonferma li l-EIG kienet fi stat ta` insolvenza qabel ma dahlet fl-amministrazzjoni. L-avviz dwar l-istat tal-insolvenza tal-EIG gie ppublikat fi tlett gazetti gurnalieri,

jigifieri: The Times of Malta (fil-21 ta` Settembru 2012); In-Nazzjon (fis-26 ta` Settembru 2012); u l-Orizzont (fit-2 ta` Ottubru 2012), kif ukoll fuq is-sit elettroniku tal-EIG (Kopji tal-publikazzjonijiet hawn annessi u mmarkati bhala Dok "M" sa Dok "P").

<u>Tmexxija ta` EIG bi hsieb ta` frodi</u>

16. L-intimati, jew min minnhom, mexxew lill-EIG bil-hsieb ta` frodi tal-kredituri tal-EIG jew ta` kredituri ta` xi persuna ohra jew bil-ghan ta` frodi. Is-segwenti huma uhud mill-istanzi ta` frodi u ta` agir frawdolenti iehor, li dettalji dwarhom (u ta` ohrajn) jinghataw fl-istadju tal-gbir ta` provi:

i. Partecipazzjoni f`misapproprijazzjoni u/jew devjazzjoni indebita ta` fondi ta`, jew dovuti lil, EIG u frodi fil-konfront ta` EIG, u dana bl-uzu ta` varji strutturi, strumenti, entitajiet u modalitajiet, li uhud minnhom servew anki ta` paraventu;

ii. Partecipazzjoni frawdolenti f`numru ta` transazzjonijiet li permezz taghhom suppost li nbieghu ishma f`EIG, b`obbligu da parti ta` EIG li tixtri lura l-istess ishma jew taghmel tajjeb ghall-hlas dovut lix-xerrej, anki billi tohrog poloz ta` assikurazzjoni in konnessjoni ma` dawn it-transazzjonijiet;

iii. Zamma qarrieqa tal-kotba (books of account u financial statements) ta` EIG; u

iv. Partecipazzjoni, permezz ta` paraventu, fis-suq assikurattiv Taljan kontra r-regoli tal-Italja.

17. Dan l-agir tal-intimati, jew min minnhom, ikkrea telf enormi ghal EIG u, per konsegwenza, ghall-kredituri ta` EIG u anki ta` terzi.

Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara, ai termini u ghall-finijiet tal-artikolu 315 tal-Kap. 386, lill-intimati, jew min minnhom, responsabbli personalment u in solidum, minghajr ebda limitazzjoni ta` responsabbilta`, ghad-dejn kollu ta` EIG jew

ghal dak il-proporzjon jew parti tad-dejn ta` EIG skont kif il-Qorti joghgobha tordna.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimat Enzo Resciniti li kienet prezentata fit-<u>23 ta` Jannar 2014</u> li taqra hekk :–

01 Illi preliminarjament u minghajr ebda pregudizzju, qed tigi ssollevata l-eccezzjoni tan-nuqqas ta` gurisdizzjoni u kompetenza ta` din l-Onorabbli Qorti biex tisma` u tiddeciedi r-rikors fl-ismijiet premessi;

02 Illi dan stante illi l-esponenti, Enzo Resciniti, jirrisjedi fl-Italja u senjatament f`Via di Casal Bruciato Nro 10, Roma, u dan kif jidher ben evidenzjat mill-kopja tal-karta tal-identita` Taljana tal-istess esponenti li qed tigi hawn mehmuza u mmarkata bhala Dokument 'ER01';

03 Illi in vista tal-fatt li l-esponenti ma jirrisjedix Malta u stante l-fatt li dan ir-rikors huwa talba ghar-rizarciment ta` danni, allura din l-Onorabbli Qorti m`ghandha ebda gurisdizzjoni u m`hijiex kompetenti sabiex tisma` u tiddeciedi dan ir-rikors;

04. Illi wkoll in via preliminari u assolutament ukoll minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, il-kwistjoni tal-prezunti danni allegatament sofferti mis-socjeta` European Insurance Group Limited (C-35708) diga` giet deciza minn Qorti Taljana u senjatament mit-Tribunale di Roma Terza Sezione Civile permezz ta` sentenza moghtija mill-istess tribunal fit-2 ta` Mejju 2013, li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument ER02;

05. Illi assolutament minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, jekk stess kien hemm xi nuqqas da parti ta` xi hadd, dan in-nuqqas zgur ma jahtix ghalih l-esponenti u dan stante li hu qatt ma kellu x`jaqsam xejn mas-socjeta` Novvosad li kienet il-broker tas-socjeta` European Insurance Group Limited (C-35708) u li fil-fatt ghandha tinzamm responsabbli ghall-akkadut fil-konfront ta` European Insurance Group Limited (C-35708);

06 Illi l-esponenti qatt ma okkupa rwoli ufficjali fis-socjeta` Novvosad li fil-fatt ghandha tinzamm responsabbli in pieno ghall-akkadut, ghal liema akkadut, l-esponent zgur qatt ma kellu x`jaqsam xejn mieghu, wisq inqas ma jista` jigi qatt ppruvat li l-istess esponenti seta` qatt kellu xi intenzjoni frawdolenti, kif qed jimplika r-rikorrenti;

07 Illi tajjeb li jigi rilevat li l-lat finanzjarju tas-socjeta` Novvosad, li fil-fatt kienet u ghandha tinzamm responsabbli ghall-akkadut, kien jiggestih l-intimat l-iehor u cioe` Paolo Viscione;

08 Illi l-esponenti qatt ma kellu poter li jaccedi ghall-informazzjoni fir-rigward tal-kontijiet bankarji tal-istess Novvosad u qatt ma kellu l-jedd li jiffirma sabiex jeffetwa prelevamenti jew depoziti ta` fondi fil-kont tal-istess Novvosad, wisq inqas johrog xi cekkijiet tal-istess Novvosad;

09. Illi in vista tal-premess, u in vista tal-fatt li s-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha s-socjeta` European Insurance Group Limited (C-35708) hija htija esklussivament tas-socjeta` Novvosad u in vista tal-fatt li l-esponenti qatt ma kellu ebda rwol ufficjali fl-istess socjeta` Novvosad, l-agir tal-esponenti qatt u f`ebda punt ma jista` jitqies bhala frawdolenti;

10. Illi in oltre l-kondotta tal-istess esponenti zgur u f`ebda punt ma tista` titqies li setghet qatt saret b`xi intenzjoni frawdolenti u minhabba f`hekk it-talba li qed jaghmel ir-rikorrenti sabiex l-istess esponenti ghandu jinzamm personalment responsabbli ghad-danni li soffriet l-istess socjeta` European Insurance Group Limited (C-35708) ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

11. Illi l-mod kif mexa l-esponenti b`mod ma jista` qatt u b`ebda mod jinkwadra ruhu f`ambitu ta` kondotta li a bazi taghha din l-Onorabbli Qorti tista` b`xi mod thoss ruhha gustifikata li 'it lifts the corporate veil', kif donnu qed jitlob l-istess rikorrenti, u dan anke minhabba l-fatt li tali ordni tal-Qorti jeffetwa b`mod mhux ekwu l-protezzjoni li taghti l-ligi lill-ufficjali ta` kumpannija li jispiccaw vittma tac-cirkostanzi, bhala ma gara fil-kaz tal-esponenti;

12. Illi assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess, qed tigi eccepita wkoll in-nuqqas ta` prova tal-quantum tad-danni allegatament sofferti mis-socjeta` European Insurance Group Limited (C-35708);

13. Illi l-'kalkolu' kif imnizzel fir-rikors odjern fir-rigward ta` danni huwa kalkolu li huwa assolutament gratwit u definitivament mhux imsejjes fuq il-verita` tal-fatti, wisq inqas assodat minn xi prova kredibbli;

14. Illi dan ghandu johrog car anke in vista tal-fatt li r-rikorrenti f`ebda punt ma gab xi dokumenti jew xi prova ohra li permezz taghha seta` b`xi mod anke remotament jissustanzja t-talba esagerata u eccessiva tieghu ghad-danni allegatament sofferti;

15. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat ir-risposta tal-intimat Antonio Resciniti li kienet prezentata fil-<u>31 ta` Jannar 2014</u> li taqra hekk :–

01. Illi preliminarjament u minghajr ebda pregudizzju, qed tigi ssolevata l-eccezzjoni tan-nuqqas ta` gurisdizzjoni u kompetenza ta` din l-Onorabbli Qorti biex tisma` u tiddeciedi r-rikors fl-ismijiet premessi;

02. Illi dan stante illi l-esponenti, Antonio Resciniti, jirrisjedi fl-Italja u senjatament f`Via Ottavio Caiazzo, 19 Sc. B, Napli, u dan kif jidher ben evidenzjat mill-kopja tal-karta tal-identita` Taljana tal-istess esponenti li qed tigi hawn mehmuza u mmarkata bhala Dokument 'AR01';

03. Illi in vista tal-fatt li l-esponenti ma jirrisjedix Malta u stante l-fatt li dan ir-rikors huwa talba ghar-rizarciment ta` danni, allura din l-Onorabbli Qorti m`ghandha ebda gurisdizzjoni u m`hijiex kompetenti sabiex tisma` u tiddeciedi dan ir-rikors;

04. Illi wkoll in via preliminari u assolutament ukoll minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, l-esponenti qed jissolleva in oltre n-nuqqas ta` kompetenza ta` din l-Onorabbli Qorti biex tisma` u tiddeciedi din il-kawza, stante li fil-kuntratt tal-'Conferimento del Incarico di Consulenza' (hawn

mehmuz u mmarkat bhala Dokument AR02) fejn l-esponenti gie fil-fatt appuntat bhala konsulent tas-socjeta` rikorrenti, il-partijiet u cioe` s-socjeta` European Insurance Group Limited (C-35708), (gja` in likwidazzjoni) u l-esponenti, kienu ftehmu li kull kontroversja li tinqala fir-rigward tal-kuntratt suriferit ghandha tigi risolta permezz ta` arbitragg u dan kif jirrizulta ampjament ippruvat mill-Klawsola 7 tal-istess kuntratt li qed isir riferenza ghalih f`dan il-paragrafu li ghal konvenjenza ta` din l-Onorabbli Qorti qed jigi hawn kwotat u riprodott :

7. <u>Clausola Compromissoria</u>

Tutte le controversie nascente dalla conclusion, interpretazione e/o dalla esecuzione del presente contratto saranno deferite ad un Collegio Arbitrale costituito da tre arbitri....; (Klawsola 7 tal-kuntratt immarkat Dokument AR02 mehmuz).

05. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, ghandu jigi rilevat li l-esponenti, Antonio Resciniti, kien gie appuntat permezz ta` rizoluzzjoni fil-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` rikorrenti fil-25 ta` Frar 2010 (vide l-ahhar pagna tad-Dokument AR02 mehmuz);

06. Illi l-esponenti fil-fatt kien gie appuntat biss u esklussivament bhala konsulent ghas-socjeta` rikorrenti u qatt ma kellu x`jaqsam mas-socjeta` rikorrenti la mil-lat organizzattiv u wisq anqas mil-lat ta` decizjonijiet fuq livell manigerjali, qabel ma fil-fatt gie appuntat;

07. Illi ghandu jirrizulta ampjament ippruvata li x-xoghol ta` konsulenza mas-socjeta` rikorrenti li ghalih gie ngaggat l-istess esponenti u qabel ma fil-fatt gie appuntat l-istess esponenti, kien effettivament jitwettaq minn persuna ohra;

08. Illi l-istess esponenti kien gie nnotifikat ufficjalmet b`din il-kariga fil-15 ta` Marzu 2010 sabiex seta` jibda bl-inkarigu tieghu fis-16 ta` Marzu 2010;

09. Illi fid-29 ta` Marzu 2010, saret spezzjoni kemm mill-ufficjali tal-ISVAP kif ukoll mill-ufficjali tal-Guardia di Finanza;

10. Illi din l-ispezzjoni kellha l-effett li kull ma fil-fatt wara d-data tal-ispezzjoni (u cioe` dik tad-29 ta` Marzu 2010) mwettqa minn dawn l-ispetturi sehh dejjem taht il-kontroll u bil-firma u bl-approvazzjoni kompleta tal-istess ufficjali tal-ISVAP u tal-Guardia di Finanza;

11. Illi fir-rigward tal-perijodu li ghalih ghamilha ta` konsulent tas-socjeta` rikorrenti, ghandu jigi ribadit u rilevat li l-perijodu effettiv li ghalih l-esponenti kien fil-fatt qed jaghmilha ta` konsulent skont l-istess kuntratt mehmuz (Dokument AR02) kien effettivament ta` disat (9) ijiem lavorativi, jigifieri mid-data tal-15 ta` Marzu 2010 sad-data tad-29 ta` Marzu 2010, u cioe` perijodu ta` erbatax (14)-il gurnata kurrenti li minnhom wiehed irid inaqqas hamest ijiem (zewg weekends u festa pubblika [Jum San Guzepp];

12. Illi waqt dawk id-disat ijiem lavorativi, l-unika haga li l-esponenti rnexxielu jaghmel kien li jibda jambjenta ruhu dwar ix-xoghol li kellu fil-fatt jesegwixxi;

13. Illi tajjeb li jigi rilevat li r-rwol tal-esponenti fir-rigward tas-socjeta` rikorrenti kien biss ta` konsulent u f`ebda punt ma kellu la l-inkarigu, wisq anqas il-poter li jiehu xi decizjoni fuq livell manigerjali jew fir-rigward ta` finanzi;

14. Illi inoltre kif fil-fatt saret l-ispezzjoni da parti tal-ufficjali tal-ISVAP u l-Guardia di Finanza, l-esponenti mill-ewwel wera x-xewqa tieghu li jiddimetti ruhu mir-rwol ta` konsulent tal-istess socjeta` rikorrenti;
15. Illi biex jaghmel dan, l-esponenti kellu, skont il-kuntratt mehmuz Dokument AR02 – Klawsola 6, jaghti preavviz ta` ghoxrin gurnata tal-intenzjoni tieghu li jiddimetti ruhu mir-rwol ta` konsulent tas-socjeta` rikorrenti;

16. Illi fil-fatt is-socjeta` rikorrenti m`accettatx id-dimissjoni tal-esponenti sakemm irnexxielha tingagga konsulent ohra sabiex tokkupa l-istess kariga tal-esponenti;

17. Illi fil-fatt dan sehh fit-8 ta` Lulju 2010;

18. Illi d-dimissjoni tal-esponenti giet accettata mis-socjeta` rikorrenti proprju minn dik id-data u cioe` mit-8 ta` Lulju 2010;

19. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, tajjeb li jigi enfasizzat li matul il-perijodu ta` qabel l-appuntament tieghu tal-konsulent lis-socjeta` rikorrenti, l-esponenti qatt ma kellu x`jaqsam mal-istess socjeta` rikorrenti u ghalhekk b`ebda mod ma jista jinzamm b`xi mod anke remotament responsabbli ghal kull ma seta` sehh qabel l-istess data tal-appuntament tieghu;

20. Illi fil-perijodu minn mindu saret l-ispezzjoni da parti tal-ufficjali tal-ISVAP u tal-Guardia di Finanza sad-data tad-dimissjonijiet tieghu, u cioe` mid-29 ta` Marzu 2010 sat-8 ta` Lulju 2010, l-esponenti kien taht is-supervizzjoni kostanti u kontinwa tal-istess ufficjali fuq imsemmija u kull decizjoni li setghet ittiehdet, ittiehdet bil-kunsens u approvazzjoni piena tal-istess ufficjali;

21. Illi tajjeb li jigi enfasizzat li l-esponenti f`ebda punt qatt ma kellu xi rwol manigerjali jew decizjonali fl-istruttura tas-socjeta` rikorrenti u li hu qatt ma kellu x`jaqsam ma` xi fondi li kellha tircievi jew li kellha thallas l-istess socjeta` rikorrenti;

22. Illi fil-fatt l-esponenti l-anqas biss kien konoxxenti dwar liema banek effettivament kienu jintuzaw mis-socjeta` rikorrenti;

23. Illi assolutament minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, jekk stess kien hemm xi nuqqas da parti ta` xi hadd, dan in-nuqqas zgur ma jahtix ghalih l-esponenti u dan stante li hu qatt ma kellu x`jaqsam xejn mas-socjeta` rikorrenti fuq livell manigerjali, u wisq anqas mas-socjeta` Novvosad li kienet il-broker tas-socjeta` European Insurance Group Limited (C-35708) u li fil-fatt ghandha tinzamm responsabbli ghall-akkadut fil-konfront ta` European Insurance Group Limited (C-35708);

24. Illi in oltre l-esponenti qatt ma okkupa rwoli ufficjali fis-socjeta` Novvosad li fil-fatt ghandha tinzamm unikament responsabbli in pieno ghall-akkadut, ghal liema akkadut l-esponenti zgur qatt ma kellu x`jaqsam xejn mieghu, wisq anqas ma jista` jigi qatt ippruvat li l-istess esponenti seta` qatt kellu xi ntenzjoni frawdolenti, kif qed timplika s-socjeta` rikorrenti;

25. Illi tajjeb li jigi rilevat li l-lat finanzjarju tas-socjeta` Novvosad, li fil-fatt kienet u ghadha tinzamm responsabbli ghall-akkadut, kien jiggestih l-intimat l-iehor cioe Paolo Viscione;

26. Illi l-esponenti qatt ma kellu poter li jaccedi ghall-informazzjoni fir-rigward tal-kontijiet bankarji tal-istess Novvosad u qatt ma kellu l-jedd li jiffirma sabiex jeffetwa prelevamenti jew depositi ta` fondi fil-kont tal-istess Novvosad jew, del resto, tas-socjeta` rikorrenti, kif gie rilevat aktar `l fuq;

27. Illi in vista tal-premess, u in vista tal-fatt li s-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha s-socjeta` European Insurance Group Limited (C-35708) hija htija esklussivament tas-socjeta` Novvosad u in vista tal-fatt li l-esponenti qatt ma kellu ebda rwol ufficjali la fl-istess socjeta` Novvosad u wisq anqas fis-socjeta` rikorrenti, l-agir tal-esponenti qatt u f`ebda punt ma jista` jitqies bhala frawdolenti;

28. Illi in oltre l-kondotta tal-istess esponenti zgur u f`ebda punt ma tista` titqies li setghet qatt saret b`xi ntenzjoni frawdolenti u minhabba f`hekk it-talba li qed jaghmel ir-rikorrenti sabiex l-istess esponenti jinzamm personalment responsabbli ghad-danni li soffriet l-istess socjeta` European Insurance Group Limited (C-35708) ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

29. Illi assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess, qed tigi eccepita wkoll in-nuqqas ta` prova ta` quantum tad-danni allegatament sofferti mis-socjeta` European Insurance Group Limited (C-35708);

30. Illi l-'kalkolu' kif imnizzel fir-rikors odjern fir-rigward ta` danni huwa kalkolu li huwa assolutament gratwit u definitivament mhux msejjes fuq il-verita` tal-fatti, wisq inqas assodat minn xi prova kredibbli;

31. Illi dan ghandu johrog car anke in vista tal-fatt li r-rikorrenti f`ebda punt ma gab xi dokumenti jew xi prova ohra li permezz taghha seta` b`xi mod anke remotament jissustanzja t-talba esagerata u eccesiva tieghu ghad-danni allegatament sofferti;

32. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat ir-risposta ta` Vincenzo Viscione, Paolo Viscione u Fabio Solano li kienet prezentata fl-4 ta` Frar 2014 li taqra hekk :–

Eccezzjonijiet

1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament ***in-nuqqas ta` gurisdizzjoni*** *ta` dawn il-Qrati billi l-forum kompetenti biex tisma` din il-kawza a tenur tal-****Art. 5 tar-Regolamenti 44/2001*** *hija dik Taljana u dana mhux biss billi l-intimati kollha huma residenti fl-Italja izda anke billi jidher li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma diretti lejn allegazzjoni ta` agir u azzjonijiet li sehhew l-Italja (kif jirrizulta mill-paragrafu 16) u mhux Malta;*

2. Illi fit-tieni lok u preliminarjament ***in-nuqqas ta` gurisdizzjoni*** *anke minhabba l-lis pendens a tenur tal-****Art 27 tar-Regolamenti 44/2001****. U dana billi jidher li hemm kawzi fuq l-istess fatti gja fl-Italja billi dawn l-akkuzi fil-fatt gew attribwiti wkoll lejn il-figura tal-Amministratur tal-Kumpannija (precedessur tal-likwidatur), fost il-kawzi li hemm l-Italja, inkluzi fost ohrajn kawza derivanti minn rapport maghmula minn EIG kontra Resciniti; u kawza ta` Cogesfin kontra l-Amministratur tal-kumpannija t-tnejn f`Ruma.*

*3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghal premess il-****preskrizzjoni duennali*** *billi jirrizulta li (a) l-MFSA appuntat Amministratur sabiex jiehu kontroll tal-kumpannija fis-6 ta` Awwissu 2010; u (b) l-Amministratur kien qed jipprospetta agir frawdolenti fir-rapport tieghu datat Ottubru 2011;*

4. Illi fir-raba` lok u qabel xejn fil-mertu huwa l-obbligu tal-likwidatur rikorrenti jgib provi konkreti mhux biss dwar il-fatti allegati izda jrid jindika wkoll min mill-intimati ghamel il-fatti li qed jallega anke billi evidentement l-intimati diversi kellhom rwoli diversi;

5. Illi fil-hames lok u fil-mertu l-pretensjoni tal-likwidatur giet imressqa unikament bhala tarka biex jostor l-izbalji fatali li saru mill-Amministratur tal-kumpannija mahtur mill-MFSA u l-istess MFSA li waqfet diversi pagamenti necessarji milli jsiru;

6. Illi fis-sitt lok l-esponent jichad kategorikament li kien b`xi mod responsabbli ghal fatti kif allegati mir-rikorrenti, liema allegazzjonijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

7. Salv eccezzjonijiet ohra skont il-ligi

<u>Dwar il-fatti</u>

8. Illi l-fatti deskritti b`mod lakoniku fl-ewwel hames paragrafi tar-rikors attrici ma humiex kontestati;

*9. Illi dwar is-**sitt paragrafu** attrici sta ghal-likwidatur igib prova li l-kumpannija EIG fil-fatt hija nsolventi u inoltre li din l-insolvenza ma kinitx ikkagunata minhabba l-izbalji, serji, maghmula kemm mill-MFSA u kemm mill-Amministratur minnha mahtur;*

*10. Illi l-fatti deskritti fis-**seba` paragrafu** wkoll huma kontestati bhala assolutament infondati. Sta ghal-likwidatur rikorrenti sabiex qabel xejn jispjega r-rizultanzi tieghu b`mod dettaljat u jorbot dawn ir-rizultanzi specifikament mal-intimati esponenti mhux jillimita ruhu ghal dikjarazzjonijiet generici;*

11. Illi l-fatti deskritti fil-paragrafi tmienja sa hdax ma humiex kontestati;

12. Illi l-fatti deskritti fil-paragrafi tnax u tlettax ma humiex kontestati ghalkemm irid jinghad li dawn id-decizjoni taw lok ghal kawzi f`diversi Qrati u Tribunali u f`divresi fora;

13. Illi l-fatti deskritti fil-paragrafu erbatax ma humiex kontestati;

*14. Illi l-fatti deskritti fil-paragrafu **hmistax** huma kontestati fis-sens li sta ghar-rikorrenti jgib prova tal-insolvenza minnu allegata u ta` min din l-insolvenza hija t-tort;*

*15. Illi l-fatti deskritti fil-paragrafi **sittax u sbatax** huma kontestati bhala assolutament infondati fil-fatt u fid-dritt, l-esponenti jirriserva kemm li jirrispondi b`mod iktar ampju wara li l-likwidatur rikorrenti jressaq allegazzjonijiet konkreti fil-konfront tal-esponenti; u kif ukoll li jipprocedi ulterjorment inkluz bi proceduri separati kontra dawn l-allegazzjonijiet qarrieqa.*

*16. Illi b`riferenza ghall-paragrafu **sbatax** irid jinghad li l-kumpannija falliet minhabba l-izbalji li saru meta l-MFSA u l-Amministratur indahlu fil-gestjoni tal-kumpannija.*

17. Illi fir-realta` jrid jinghad li qari korrett tar-rapport tal-Amministratur jikkonferma li l-problemi kollha tl-EIG nhalqu meta l-MFSA ndahlet fil-gestjoni tal-kumpannija u waqfet pagamenti essenzjali bhal pagamenti tat-taxxi u dawk ghal servizzi essenzjali u baqghet izzomm dawn il-pagamenti minkejja diversi nterpellanzi. Dan kollu kif sahansitra jirrizulta mir-rapport ahhari tal-Amministratur.

18. Illi in oltre l-Amministratur kien ghamel diversi sejhiet fl-Italja li wasslu ghal "paniku" u possibilment agir frawdolenti mill-policyholder ta` assikurazzjoni mill-kumpannija, billi fil-perijodu li l-Amministratur kellu l-gestjoni tal-kumpannija s-sejhiet li saru ghall-hlas fuq poloz kienu ferm iktar (kwazi d-doppju) mis-sejhiet li kienu jsiru precedentement.

19. Jirrizulta ampjament mid-dikjarazzjonijiet tal-istess Amministratur partikolarment fil-Final progress report 17 October 2011 illi sabiex jevita r-responsabbilta` ghall-izbalji tieghu jakkuza lil kulhadd bi zbalji, huwa sinifikattiv infatti li sahansitra jasal biex jakkuza l-avukati Taljani mqabbda minnu stess bi frodi u qerq. Intant jigi rilevat li l-esponenti gew skagonati minn kull htija l-Italja meta l-prosekutur Taljan iddecieda ma jipprocedix bl-akkuzi li tressqu kontrihom u dana wara nvestigazzjoni approfondita.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni in subizzjoni tar-rikorrenti.

Rat ir-risposta ta` Bruno Lago li kienet prezentata fit-<u>12 ta` Frar 2014</u> li taqra hekk :–

<u>Eccezzjonijiet</u>

1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament ***in-nuqqas ta` gurisdizzjoni*** *ta` dawn il-Qrati billi l-forum kompetenti biex tisma` din il-kawza a tenur tal-****Art. 5 tar-Regolamenti 44/2001*** *hija dik Taljana u dana mhux biss billi l-intimati kollha huma residenti fl-Italja izda anke billi jidher li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma diretti lejn allegazzjoni ta` agir u azzjonijiet li sehhew l-Italja (kif jirrizulta mill-paragrafu 16) u mhux Malta;*

2. Illi fit-tieni lok u preliminarjament ***in-nuqqas ta` gurisdizzjoni*** *anke minhabba l-lis pendens a tenur tal-****Art 27 tar-Regolamenti 44/2001****. U dana billi jidher li hemm kawzi fuq l-istess fatti gja fl-Italja billi dawn l-akkuzi fil-fatt gew attribwiti wkoll lejn il-figura tal-Amministratur tal-Kumpannija (precedessur tal-likwidatur), fost il-kawzi li hemm l-Italja, inkluzi fost ohrajn kawza derivanti minn rapport maghmula minn EIG kontra Resciniti; u kawza ta` Cogesfin kontra l-Amministratur tal-kumpannija t-tnejn f`Ruma.*

*3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghal premess il-****preskrizzjoni duennali*** *billi jirrizulta li (a) l-MFSA appuntat Amministratur sabiex jiehu kontroll tal-kumpannija fis-6 ta` Awwissu 2010; u (b) l-Amministratur kien qed jipprospetta agir frawdolenti fir-rapport tieghu datat Ottubru 2011;*

4. Illi fir-raba` lok u qabel xejn fil-mertu huwa l-obbligu tal-likwidatur rikorrenti jgib provi konkreti mhux biss dwar il-fatti allegati izda jrid jindika wkoll min mill-intimati ghamel il-fatti li qed jallega anke billi evidentement l-intimati diversi kellhom rwoli diversi;

5. Illi fil-hames lok u fil-mertu l-pretensjoni tal-likwidatur giet imressqa unikament bhala tarka biex jostor l-izbalji fatali li saru mill-Amministratur tal-kumpannija mahtur mill-MFSA u l-istess MFSA li waqfet diversi pagamenti necessarji milli jsiru;

6. Illi fis-sitt lok l-esponent jichad kategorikament li kien b`xi mod responsabbli ghal fatti kif allegati mir-rikorrenti, liema allegazzjonijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

7. Salv eccezzjonijiet ohra skont il-ligi

<u>Dwar il-fatti</u>

8. Illi l-fatti deskritti b`mod lakoniku fl-ewwel hames paragrafi tar-rikors attrici ma humiex kontestati;

*9. Illi dwar is-**sitt paragrafu** attrici sta ghal-likwidatur igib prova li l-kumpannija EIG fil-fatt hija nsolventi u inoltre li din l-insolvenza ma kinitx ikkagunata minhabba l-izbalji, serji, maghmula kemm mill-MFSA u kemm mill-Amministratur minnha mahtur;*

*10. Illi l-fatti deskritti fis-**seba` paragrafu** wkoll huma kontestati bhala assolutament infondati. Sta ghal-likwidatur rikorrenti sabiex qabel xejn jispjega r-rizultanzi tieghu b`mod dettaljat u jorbot dawn ir-rizultanzi specifikament mal-intimati esponenti mhux jillimita ruhu ghal dikjarazzjonijiet generici;*

11. Illi l-fatti deskritti fil-paragrafi tmienja sa hdax ma humiex kontestati;

12. Illi l-fatti deskritti fil-paragrafi tnax u tlettax ma humiex kontestati ghalkemm irid jinghad li dawn id-decizjoni taw lok ghal kawzi f`diversi Qrati u Tribunali u f`divresi fora;

13. Illi l-fatti deskritti fil-paragrafu erbatax ma humiex kontestati;

*14. Illi l-fatti deskritti fil-paragrafu **hmistax** huma kontestati fis-sens li sta ghar-rikorrenti jgib prova tal-insolvenza minnu allegata u ta` min din l-insolvenza hija t-tort;*

*15. Illi l-fatti deskritti fil-paragrafi **sittax u sbatax** huma kontestati bhala assolutament infondati fil-fatt u fid-dritt, l-esponenti jirriserva kemm li jirrispondi b`mod iktar ampju wara li l-likwidatur rikorrenti jressaq allegazzjonijiet konkreti fil-konfront tal-esponenti; u kif ukoll li jipprocedi ulterjorment inkluz bi proceduri separati kontra dawn l-allegazzjonijiet qarrieqa.*

16. F`dan ir-rigward irid jinghad partikolarment illi l-esponenti kien gie mahtur mis-socjeta` EIG Ltd fl-ahhar sena t`operazzjoni taghha propju sabiex jassikura li l-kumpannija titmexxa b`mod korrett. In adempiment ta` dan l-inkarigu tieghu huwa fuq struzzjonijiet tal-Bord kien anke beda proceduri fl-Italja kontra xi nies bhal Resciniti sabiex isiru l-investigazzjonijiet formali jekk dawn kienux agixxew korrettement jew le. Inesplikabbilment wara li l-kumpannija EIG waqghet taht il-kontroll ta` l-amministratur (u eventwalment il-likwidatur) ma segwietx l-andament ta` dawn il-proceduri.

17. Illi b`riferenza ghall-paragrafu **sbatax** irid jinghad li jekk xi hadd agixxa b`mod hazin kien l-amministratur li halla u gab fix-xejn dawk il-passi li l-esponent kien ha sabiex jipprova jsalva s-sitwazzjoni.

18. Illi fir-realta` jrid jinghad li qari korrett tar-rapport tal-Amministratur jikkonferma li l-problemi kollha tl-EIG nhalqu meta l-MFSA ndahlet fil-gestjoni tal-kumpannija u waqfet pagamenti essenzjali bhal pagamenti tat-taxxi u dawk ghal servizzi essenzjali u baqghet izzomm dawn il-pagamenti minkejja diversi nterpellanzi. Dan kollu kif sahansitra jirrizulta mir-rapport ahhari tal-Amministratur.

19. Jirrizulta ampjament mid-dikjarazzjonijiet tal-istess Amministratur partikolarment fil-Final progress report 17 October 2011 illi sabiex jevita r-responsabbilta` ghall-izbalji tieghu jakkuza lil kulhadd bi zbalji, huwa sinifikattiv infatti li sahansitra jasal biex jakkuza l-avukati Taljani mqabbda minnu stess bi frodi u qerq. Intant jigi rilevat li l-esponenti gew skagonati minn kull htija l-Italja meta l-prosekutur Taljan iddecieda ma jipprocedix bl-akkuzi li tressqu kontrihom u dana wara nvestigazzjoni approfondita.

20. Illi fl-ahhar mill-ahhar ghandu jirrizulta ampjament li l-esponenti gie mdahhal f`dawn il-proceduri semplicement bhala stratagemma tal-likwidatur sabiex ma jhallasx id-djun (inkluz ta` pagi mhux imhallsa) li huma dovuti lill-esponenti u li l-likwidatur qed jirrifjuta jirrikonoxxi illegalment u minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni in subizzjoni tar-rikorrenti.

Rat ir-risposta ta` Pier Giuseppe Giua li kienet prezentata fis-<u>27 ta` Frar 2014</u> li taqra hekk :–

1. Illi, in linea preliminari, l-esponenti qieghed iressaq l-eccezzjoni ta` nuqqas ta` gurisdizzjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti stante li ai termini tal-artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill Ewropew 44/2001/KE il-forum kompetenti biex tisma` din il-kawza hija dik Taljana u dana peress li l-intimat huwa residenti fl-Italja, u jidher prima facie illi l-intimati kollha huma residenti fl-Italja, u inoltre peress li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma diretti lejn allegazzjoni ta` agir li sehh l-Italja (vide paragrafu 16 tar-rikors);

2. Illi, in linea preliminari wkoll, l-esponenti qieghed jeccepixxi l-lis alibi pendens ai termini tal-artikolu 27 tar-Regolament tal-Kunsill Ewropew 44/2001/KE u dan stante illi l-esponent huwa a konoxxenza tal-fatt li fil-prezent diga` hemm proceduri rigward l-istess fatti ghaddejin fl-Italja u ghadhom sub judice;

3. Illi, in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jeccepixxi l-preskrizzjoni biennali ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, stante li l-MFSA appuntat Amministratur sabiex jiehu f`idejh l-attiv u l-kontroll tal-kumpannija fis-6 ta` Awwissu 2010. L-istess Amministratur fis-17 ta` Ottubru 2011 jindika li gew promossi allegazzjonijiet frawdolenti fit-tmexxija tal-kumpannija fir-rapport tieghu esebit bhala Dok "L";

4. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda in toto bl-ispejjez kontra l-istess atturi;

5. Illi, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa risaput illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq min jallega fatt, u ghalhekk l-istralcjarju rikorrenti ghandu jressaq il-provi konklussivi dwar il-fatti kif allegati;

6. Illi, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti m`huwiex il-legittimu kontradittur fl-azzjoni odjerna u konsegwentement ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma kellu ebda

relazzjoni guridika jew rwol fit-tmexxija tas-socjeta` European Insurance Group Limited;

7. Illi f`kull kaz, ma jezistux ic-cirkostanzi legali u fattwali ghall-applikazzjoni tal-artikolu 315 tal-Kap.386 fil-konfront tal-intimat u tas-sanzjonijiet hemm indikati;

8. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat ir-risposta ta` Giuseppe sive Pino Resciniti li kienet prezentata fis-<u>6 ta` Marzu 2014</u> li taqra hekk :–

01 Illi preliminarjament u minghajr ebda pregudizzju, qed tigi ssollevata l-eccezzjoni tan-nuqqas ta` gurisdizzjoni u kompetenza ta` din l-Onorabbli Qorti biex tisma` u tiddeciedi r-rikors fl-ismijiet premessi;

02 Illi dan stante illi l-esponenti, Giuseppe sive Pino Resciniti, jirrisjedi fl-Italja u senjatament f`Via degli Aranci, 40, Rocchetta a Volturno, Caserta u dan kif jidher ben evidenzjat mill-kopja tal-licenzja tas-sewqan Taljana tal-istess esponenti li qed tigi hawn mehmuza u mmarkata bhala Dokument 'GR01';

03 Illi in vista tal-fatt li l-esponenti ma jirrisjedix Malta u stante l-fatt li dan ir-rikors huwa talba ghar-rizarciment ta` danni, allura din l-Onorabbli Qorti m`ghandha ebda gurisdizzjoni u m`hijiex kompetenti sabiex tisma u tiddeciedi dan ir-rikors;

04 Illi wkoll in via preliminari u assolutament ukoll minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, il-kwistjoni tal-presunti danni allegatament sofferti mis-socjeta` European Insurance Group Limited (C-35708) diga` giet deciza minn Qorti Taljana u senjatament mit-Tribunale di Roma Terza Sezione Civile permezz ta` sentenza moghtija mill-istess tribunal fis-17 ta` Settembru 2012, li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument GR02;

05 Illi assolutament minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, ghandu jigi rilevat li l-unika relazzjoni li l-esponenti, Giuseppe sive Pino Resciniti kellu mas-socjeta` rikorrenti kien f`ambitu ta` impjegat u dan ghandu jigi ampjament ippruvat minn kuntratt ta` xoghol li l-istess Giuseppe sive Pino Resciniti, iffirma mas-socjeta` rikorrenti, fl-1 ta` Jannar 2010, liema kopja ta` kuntratt qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument GR03;

06 Illi ghandu jigi rilevat ukoll li l-istess impjieg tal-esponenti, Giuseppe sive Pino Resciniti, kien biss ghall-perijodu ta` sena;

07 Illi inoltre fl-istess kuntratt gie stipulat li kellu jkun hemm perijodu ta` prova (probation) ta` sitt xhur;

08 Illi l-impjieg tal-esponenti, Giuseppe sive Pino Resciniti, fil-fatt gie tterminat QABEL ma skada l-perijodu ta` prova u senjatament fil-21 ta` Gunju 2010 u dan ghandu jirrizulta car mill-ittra ta` terminazzjoni ta` impjieg hawn annessa u mmarkata bhala Dokument GR04;

09 Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ghandu jigi enfasizzat illi r-rwol tal-istess esponenti waqt il-permanenza tieghu fuq ix-xoghol mas-socjeta` rikorrenti, huwa qatt la kien jara klijenti, u wisq anqas b`xi mod qatt kellu x`jaqsam ma` flejjes jew kontijiet bankarji tas-socjeta` rikorrenti;

10 Illi d-doveri tal-esponenti meta kien impjegat mas-socjeta` rikorrenti, kien biss 'back office work' u cioe' li jircievi 'claim forms' li jkunu gja` saru u jghaddi dawn il-'claim forms' lill-persuna li fil-fatt kienet inkarigata biex tipprocesshom;

11 Illi, minghajr pregudizzju, l-esponenti, Giuseppe sive Pino Resciniti qatt ma okkupa rwoli ufficjali fis-socjeta` rikorrenti u ghalhekk l-istess esponenti zgur qatt ma kellu x`jaqsam mal-akkadut, wisq anqas ma jista` jigi qatt ippruvat li l-istess esponenti seta` qatt kellu xi ntenzjoni frawdolenti, kif qed jimplika r-rikorrenti;

12 Illi l-esponenti qatt ma kellu poter li jaccedi ghall-informazzjoni fir-rigward tal-kontijiet bankarji tal-istess rikorrenti u qatt ma kellu l-jedd li

jiffirma sabiex jeffettwa prelevamenti jew depoziti ta` fondi fil-kont tal-istess socjeta`;

13 Illi in vista tal-premess, u in vista tal-fatt li s-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha s-socjeta` European Insurance Group Limited (C-35708) hija htija esklussivament ta` terzi u zgur mhux tal-esponenti, l-istess esponenti qatt u b`ebda mod ma` jista` jitqies agixxa b`xi mod frawdolenti jew b`xi mod li seta` juri li seta` kellu x`jaqsam mal-akkadut;

14 Illi inoltre l-kondotta tal-istess esponenti zgur u f`ebda punt ma tista` titqies li setghet qatt saret b`xi intenzjoni frawdolenti u minhabba f`hekk it-talba li qed jaghmel ir-rikorrenti sabiex l-istess esponenti ghandu jinzamm personalment responsabbli ghad-danni li soffriet l-istess socjeta` European Insurance Group Limited (C-35708) ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

15 Illi assolutament mingahjr pregudizzju ghall-premess, qed tigi eccepita wkoll in-nuqqas ta` prova tal-quantum tad-danni allegatament sofferti mis-socjeta` European Insurance Group Limited (C-35708);

16 Illi l-'kalkolu' kif imnizzel fir-rikors odjern fir-rigward ta` danni huwa kalkolu li huwa assolutament gratwit u definittivament mhux imsejjes fuq il-verita` tal-fatti, wisq inqas assodat minn xi prova kredibbli;

17 Illi dan ghandu johrog car anke in vista tal-fatt li r-rikorrenti f`ebda punt ma gab xi dokumenti jew xi prova ohra li permezz taghha seta` b`xi mod anke remotament jissustanzja t-talba ezagerata u eccessiva tieghu ghad-danni allegatament sofferti;

18 Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat in-nota li pprezentaw l-intimati Luciano Sorice u Compagnia Generale Servizi e Finanza CO.GE.S.FIN Limited fl-10 ta` Marzu 2014 li permezz taghha ghamlu taghhom ir-risposta li pprezentaw l-intimati Vincenzo Viscione, Paolo Viscione u Fabio Solano.

Rat in-nota li pprezenta r-rikorrent noe fit-8 ta` Gunju 2015 li permezz taghha ceda l-atti tal-kawza limitatament fil-konfront tal-intimata Insurance Service srl.

Rat illi wara li kien accertat li l-intimati l-ohra kienu notifikati, il-partijiet kienu diretti sabiex jittrattaw l-eccezzjonijiet dwar il-gurisdizzjoni tal-qorti.

Rat illi l-intimati Giovanni Sidoti, Oscar Bruno, Luciano Rotondi, Mario Francesco Gerardo Girardi, Andrea Ratti, Maurizio Ceccarelli, ma pprezentawx risposta.

Rat illi din il-kawza nstemghet flimkien ma` l-kawzi bin-nru 1082/2013 JZM u 1084/2013 JZM, bil-provi jkunu komuni u jghoddu ghat-tlieta.

Rat il-provi.

Rat il-verbal tal-partijiet fejn qablu illi European Insurance Group Limited kienet kumpannija registrata fir-Registru tal-Kumpanniji ta` Malta bin-nru C 35708.

Rat il-posizzjoni tal-intimati fis-sens illi huma jikkontendu li l-gurisdizzjoni hija regolata bil-Brussels 1.

Rat in-nota li pprezenta l-attur noe fl-4 ta` Novembru 2015 fejn iddikjara li l-gurisdizzjoni ta` din il-qorti tirrizulta fl-Art 742 tal-Kap 12.

Rat il-verbal tal-partijiet fejn qablu li l-intimati kollha mhux cittadini Maltin, residenti Malta, u huma residenti u domiciljati fl-Italja - hlief ghal Compagnia Generale Servizi e Finanza Co Ge.S.Fin. Limited li hija domiciljata l-Ingilterra.

Rat il-verbali tal-udjenzi.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet bil-fomm.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-12 ta` Mejju 2016 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-eccezzjonijiet tal-gurisdizzjoni tal-qorti.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

II. <u>Is-sentenza tal-lum</u>

Bis-sentenza tal-lum, qeghdin ikunu decizi l-eccezzjonijiet dwar il-gurisdizzjoni ta` l-qorti.

Fil-kaz tal-intimat Enzo Resciniti :
l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet.

Fil-kaz tal-intimat Antonio Resciniti :
l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba` eccezzjonijiet.

Fil-kaz tal-intimati Vincenzo Viscione, Paolo Viscione u Fabio Solano :
l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet.

Fil-kaz tal-intimat Bruno Lago :
l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet.

Fil-kaz tal-intimati Luciano Sorice u Compagnia Generale Servizi e Finanza CO.GE.S.FIN Limited :
l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet.

Fil-kaz tal-intimat Pier Giuseppe Giua :

l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet.

Fil-kaz tal-intimat Giuseppe sive` Pino Resciniti :
l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet.

III. Provi

A skans ta` repetizzjoni, il-Qorti tirreferi ghar-rassenja tal-provi li ghamlet fis-sentenza taghha tal-lum fil-kawza bin-nru 1083/2013 JZM billi tghodd ghall-finijiet tal-kawza tal-lum.

IV. Regolament tal-Kunsill Ewropew Nru 44/2001 tat-22 ta` Dicembru 2000 dwar gurisdizzjoni, u r-rikonoxximent u ezekuzzjoni ta` sentenzi fil-materji civili u kummercjali – maghruf ukoll bhala "Brussels 1"

Ir-rikorrent noe jikkontendi illi din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni sabiex tisma` u tiddeciedi l-mertu ta` din il-kawza abbazi tal-Art 742 tal-Kap 12. Skont ir-rikorrent noe, Brussels 1 ma japplikax ghall-kaz tal-lum. Min-naha taghhom, l-intimati jsostnu li Brussels 1 huwa applikabbli, ad eskluzjoni tal-Art 742 tal-Kap 12.

Il-Qorti tirreferi ghall-**Art 1 u (2)(b) ta` Brussels 1** li jghid :-

1. This Regulation shall apply in civil and commercial matters whatever the nature of the court or tribunal. It shall not extend, in particular, to revenue, customs or administrative matters.

2. The Regulation shall not apply to :

(b) bankruptcy, proceedings relating to the winding-up of insolvent companies or other legal persons, judicial arrangements, compositions and analogous proceedings.

V. Gurisprudenza tal-ECJ

Kaz indikat mir-rikorrent noe u li huwa rilevanti sabiex jigi stabbilit jekk kawza dwar kummerc hazin (Art 316 – Kap 386) taqax fl-eskuzjoni tal-applikazzjoni ta` Brussels 1 skont l-Art 2(b) huwa dak ta` **Gourdain v Nadler (Case 133/78 (19790 ECR 733)**

Dak kien kaz li kien jinvolvi l-applikazzjoni tal-Brussels Convention on Jurisdiction and the Enforcement of Judgments in Civil and Commercial Matters tal-1968 (kif emendata) jew kif kienet maghruf il-**Brussels Convention**. Madanakollu l-Art (2)(b) tal-Brussels 1 huwa l-istess bhal ma kien skont il-Brussels Convention u ghalhekk l-insenjament li johrog minn din id-decizjoni tal-ECJ japplika *mutatis mutandis.*

Din hija d-domanda li kienet saret lill-ECJ :-

"Is a judgment given by French civil courts on the basis of Article 99 of the French Law No 67-563 of 13 July 1967 against the de facto manager of a legal person for payment into the assets of a company in liquidation to be regarded as having been given in bankruptcy proceedings, proceedings relating to the winding-up of insolvent companies or other legal persons and analogous proceedings (subparagraph 2 of the second paragraph of Article 1 of the Convention) or is such a judgment a decision given in a civil and commercial matter (first paragraph of Article 1 of the Convention)?"

Il-Qorti qalet illi :-

The Convention, the particular aim of which is to secure the simplification of formalities governing the reciprocal recognition and enforcement of judgments of courts and tribunals and to strengthen in the Community the legal protection of persons who are established there has laid down as a matter of principle that its scope includes "civil and commercial matters" without however defining this expression.
31 Therefore, and with it being necessary to examine whether the action is closely connected with the insolvency proceedings, it must be held

that that action is not covered by Article 3(1) of Regulation No 1346/2000 and, following the same reasoning, that it does not concern bankruptcy or winding-up for the purposes of Article 1(2)(b) of Regulation No 44/2001.

32 Consequently, the answer to the first question is that Article 1(1) of Regulation No 44/2001 must be interpreted as meaning that an action for the payment of a debt based on the provision of carriage services taken by the insolvency administrator of an insolvent undertaking in the course of insolvency proceedings opened in one Member State and taken against a service recipient established in another Member State comes under the concept of `civil and commercial matters` within the meaning of that provision." (enfazi ta` din il-qorti)

VI. Dottrina

Fil-ktieb : "**European Insolvency Regulation – De Gruyter Commentaries on European Law**" issir analizi ta` dak li jaqa` fil-Brussels 1 u dak li jaqa` taht l-EIR (European Insolvency Regulation 1346/2000).

Il-kommentatur Klaus Pannen jindika *punti chiave* li jistghu jassistu lill-qrati sabiex jistabilixxu azzjoni taqax taht wiehed jew l-iehor miz-zewg Regolamenti. Ighid :-

"What remains problematic is distinguishing betweent he sphere of applicability of Council Regulation (EC) No 44.2001 and that of the EIR. In principle, all judgements on claims that could be asserted even without insolvency proceedings should be governed by the Council Regulation (EC) No 44/2001, and all judgements that in any way whatsoever presuppose insolvency proceedings should be governed by the EIR. The Gourdain vs Nadler decision of the ECJ also provides three criteria for classifying insolvency related proceedings :

-the exclusive jurisdiction of the insolvency court;

-the liquidator`s standing to sue on the claim;

The allocation of the proceeds of the lawsuit to the creditors as a whole;

But whether a judgement is to be considered as insolvency related proceeding can only be decided in the individual case.

Examples of insolvency –related proceedings are:

-actions to avoid (avoidance actions) acts detrimental to the creditors as a whole;

-bankruptcy-law related lawsuits seeking to impose personal liability on the managing director (e.g the French action en comblement du passif);

-lawsuits concerning the priority of a claim;

-disputes between the liquidator and the debtor concerning the inclusion of an asset in the insolvency estate;

-an action for (official) recognition of a claim in the schedule of creditors` claims;

-the approval of an insolvency plan (Sec 248 InsO);
-a judgement concerning a discharge of residual debt (Sec 300 InsO);

-the approval of a debt adjustment plan (Sec 308 InsO) and

- actions involving the liquidator`s liability for damages, the direct and sole reason for these being the carrying out of the insolvency proceedings.

Examples of proceedings that not insolvency related :

-criminal prosecution that can be pursued in conjuction with insolvency proceedings , e.g. insolvency (criminal) offences pursuant to Sec 283 et seq StGB (German Criminal Code) because such offences are not being pursued directly because of the insolvency proceedings;

- actions to recover property in the possession o f the debtor;

-actions to determine the legal validity or the amount of a claim pursuant to general laws.

The concept of insolvency-related proceedings must be construed strictly".

Il-Qrati tal-Istati Membri tal-EU ukoll kellhom okkazjoni jaghmlu l-analizi fuq riferita. Fil-Qrati Inglizi kien trattat il-kaz "**Oakley v Ultra Vehicle Design Look**" [2006 – BCC 57].

L-awtur Chan Ho kiteb dwar din id-decizjoni : "**Interfacing the Insolvency Regulation with the Judgments Regulation: Oakley v Ultra Vehicle Design Look**" fejn qal :-

1 As a general rule, the operations of Council Regulation (EC) 1346/2000 on Insolvency Proceedings (`the Insolvency Regulation`) and Council Regulation (EC) 44/2001 on jurisdiction and the recognition and enforcement of judgments in civil and commercial matters (`the Judgments Regulation`) are mutually exclusive in that the Judgments Regulation does not deal with insolvency matters.

2 The English High Court had occasion to consider the precise demarcation and interface between the Insolvency Regulation and the Judgments Regulation in the recent case of Oakley v Ultra Vehicle Design.

…

*Although it is unnecessary to my decision, and goes beyond the scope of the matters argued before me, I must add that, in the course of considering the points raised while preparing this judgment, I have come to the view that the Insolvency Proceedings Regulation would not govern this claim in any event. Procedurally, of course, the application is made within the insolvency proceedings constituted by the CVA and governed by sections 1 to 7 of the Insolvency Act 1986. If the liquidator of UMIL had issued a similar application under Section 168(3) it would have been within the winding-up proceedings which are main proceedings. But the scope of the matters which are the subject of the Insolvency Proceedings Regulation is to be understood from recital 6, article 25 and the corresponding provision of the Judgments Regulation, article 1.2(b)… On [the basis of the decision of the European Court of Justice in Gourdain v Nadler,] it has been held that a claim by a liquidator to recover pre-liquidation debts, although made in the course of the winding-up and so, in a sense, relating to it, does not derive directly from it and is therefore not excluded from the Brussels Convention (and therefore now not from the [Judgments] Regulation) by article 1.2(b)... **By contrast, proceedings by a liquidator against a director or a third party to set aside a transaction as having been effected at an undervalue or on the basis of wrongful or fraudulent trading would be claims deriving directly from the winding-up and therefore excluded from the Brussels Convention and now from the Judgments Regulation.** (*enfazi ta` din il-qorti)

L-istess awtur jirreferi ghal kaz iehor : "**Mazur Media Ltd and others v Mazur Media GmbH and others**" [2004 - EWHC 1566) u

jaghmel analizi korrelatata mal-kaz ta` "**Oakley v Ultra Vehicle Design Limited**" (op. cit.). Ighid :-

A case in point, though not cited to the court, is Mazur Media v Mazur Media. The court held that it had jurisdiction under Article 23 of the Judgments Regulation because the claim fell within the scope of the jurisdiction clause in the assignment agreement. The implicit premise of this holding is that the subject-matter of the claim, namely the ownership of assets in the possession of a company in liquidation, fell within the subject-matter jurisdiction of the Judgments Regulation. Obviously, the German company in liquidation was party to the English proceedings; but that did not change the fact that the claim fell within the subject-matter jurisdiction of the Judgments Regulation, and not the Insolvency Regulation. The parallel between Mazur Media and the present case is thus exact. The former involved a determination of whether a company in liquidation owned certain movables in its possession, while the latter involved a determination of whether a company in liquidation owned certain movable in the possession of a third party. Just as the claim in Mazur Media fell within the subject-matter jurisdiction of the Judgments Regulation, so the claim in the present case fell outside the subject-matter jurisdiction of the Insolvency Regulation.

Relevanti huwa dak sottolinjat minn Philip R. Wood fil-ktieb "**Conflict of Laws and International Finance"** (Thomson – Sweet & Maxwell) :-

The most important express esclusions are (emphasis added) :

…

(b) ***bankruptcy*** *proceedings, relating to the winding-up of insolvent companies or other legal persons, judicial arrangements, compositions and analogous proceedings. These are covered by separate European Regulation. The bankruptcy exception is construed narrowly. It would not cover claims by a liquidator to recover debts or claims for misfeasance by directors or the construction of a pre-liquidation contract even though raised in the winding-up. All of these could arise outside insolvency proceedings.* ***It would cover claims to avoid a preference or a liquidator claim against a director for fraudulent or wrongful trading, since these are directly insolvency matters….****In UBS AG vs Omni Holding AG (2000) 1 WLR 916, UBS was the agent of a syndicate of banks which lent money to a German and Jersey company secured on shares and on a put option against a Swiss company Omni. The documents were governed by English law with English forum selection. UBS enforced its security and exercised the option. Omni went into liquidation in Switzerland. UBS claimed damages for breach of the option,*

but the liquidator alleged that the proceeds of the sale of the pledged shares should be deducted and that the issue should be tried in Switzerland. Held: the claim of UBS was within the Lugano Convention and should be heard in the English courts as agreed. The issue arose out of a pre-liquidation arrangement and was not excluded by the bankruptcy exception in the Convention since it did not relate directly to the winding-up of an insolvent company, even though it was a dispute over a liquidation claim. " (enfazi ta` din il-qorti).

L-awturi Miguel Virgos and Francisco Garcimartin fil-ktieb "**The European Insolvency Regulation : Law and Practice**" [Kluwer Law International – 2004] jmorru dritt fuq il-kriterju li ghandu jghodd ghall-interpretazzjoni tal-Art1 u 2(b) ta` Brussels 1 :-

Article 1(2)(b) … excluded the core insolvency proceedings themselves and the European Court of Justice clarified that other proceedings arising in the context of an insolvency will also be excluded if they derive directly from the bankruptcy or winding-up and are closely connected with the insolvency proceedings….for the purpose of establishing jurisdiction, the test of exclusion of "insolvency matters" from the Reglation 44/2001 on Civil Jurisdiction and Enforcement is the same as the test of inclusion in the Insolvency Regulation.

Madanakollu jkomplu billi jghidu :-

This naturally only with regard to insolvency proceedings covered by the Insolvency Regulation. The insolvency regulation does not apply to all kinds of insolvency proceedings, but only to those listed in its Annexes, furthermore, certain debtors (credit institutions, insurance undertakings, investment undertakings) are excluded from its scope. If the insolvency proceedings opened are not included in that list or the debtor is not an eligible debtor, the test of exclusion from the Regulation 44/2001 will be satisfied, but not the test of inclusion in the Insolvency Regulation. In such cases, the Directives on the restructuring and winding-up of credit institutions or insurance undertakings (regarding non-eligible debtors) or the Private International Law rules of the Member States regarding unlisted proceedings will be applicable."

VII. Konsiderazzjonijiet

Dan premess, il-Qorti sejra tara jekk l-azzjoni tal-lum hijiex analoga (*analogous*) ghal insolvenza u allura ghandhiex tapplika l-eskluzjoni tal-Art 1 u 2(b) ta` Brussels 1.

Ir-rikorrent jiddikjara car li dik tal-lum hija azzjoni skont l-**Art 315 tal-Kap 386** u cioe` **kummerc bi frodi**.

Id-disposizzjoni taqra :-

Jekk waqt l-istralċ ta` kumpannija sew jekk b`ordni tal-qorti jew volontarjament ikun jidher li xi negozju tal-kumpannija jkun tmexxa bil-ħsieb ta` frodi ta` kredituri tal- kumpannija jew ta` kredituri ta` xi persuna oħra jew bil-għan ta` frodi, il-qorti tista` fuq rikors tar-riċevitur uffiċjali, jew tal-istralċjarju jew ta` xi kreditur jew ta` xi kontributorju tal-kumpannija, jekk jidhrilha xieraq li tagħmel hekk, tiddikjara li xi persuni li xjentement kienu partijiet fit-tmexxija tan-negozju bil-mod qabel imsemmi tkun responsabbli personalment, mingħajr ebda limitazzjoni ta` responsabbiltà għal kull jew għal xi dejn jew responsabbiltajiet oħra tal-kumpannija kif il-qorti tista` tordna.

Huwa car li d-disposizzjoni tapplika fis-sitwazzjoni meta kumpannija tkun giet xjolta u jkun ghaddej l-istralc taghha.

Rikors tax-xorta tal-lum jista` jsir mill-istralcjarju, mir-ricevitur ufficjali, minn kreditur jew minn kontributorju tal-kumpannija.

Fis-sentenza li tat din il-Qorti (**PA/AF**) fl-4 ta` Marzu 2010 fil-kawza "**Electronic Products Limited vs Emanuel Micallef et**" inghad hekk dwar l-Art 315 tal-Kap 386 :-

Il-provvediment tal-ligi jimponi zewg kundizzjonijiet ghall-applikazzjoni tal-istess. L-ewwel minn dawnil-kundizzjonijiet hi li s-socjeta` trid tkun fi stadju ta` stralc ; sitwazzjoni li fil-kaz li ghandha quddiemha, il-Qorti llum tezisti.

Imbaghad, sabiex tkun, tista` tasal ghall-konkluzjoni ta` kummerc bi frodi, il-Qorti trid tkun sodisfatta li jezistu provi ta` intenzjoni li jigu frodati kredituri.

Meta l-kawza marret fl-appell, il-Qorti ta` l-Appell fis-sentenza taghha tal-25 ta` Ottubru, 2013 kompliet fuq dak li kienet qalet l-Ewwel Qorti u fissret :-

Trattat il-meritu, din il-Qorti tirrileva illi l-kuncett ta` kummerc bi frodi jinsab deskreitt fl-Artikolu 315 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta, cioe`, l-Att dwar il-Kumpaniji, waqt li l-kuncett ta` kummerc hazin huwa deskritt fl-Artikolu 316 tal-istess Kap. 386. Skont dawn l-artikoli, ikun hemm kummerc bi frodi meta jkun jirrizulta li xi negozju tal-kumpanija jkun tmexxa bil-hsieb ta` frodi ta` krediturі tal-kumpanija jew ta` krediturі ta` xi persuna ohra jew bil-ghan ta` frodi, filwaqt li jkun hemm kummerc hazin meta persuna li kienet direttur ta` kumpanija tkun agixxiet filwaqt li tkun taf, jew kellha tkun taf qabel ix-xoljiment tal-kumpanija, li ma kienx hemm prospett xieraq li l-kumpanija setghet tevita x-xoljiment minhabba l-insolvenza taghha. Dawn l-artikoli tal-ligi Maltija gew mehuda kelma b`kelma mil-ligi Ingliza li tirregola x-xoljiment tal-kumpaniji (The Insolvency Act, 1986), u l-artikoli ekwivalenti fil-ligi Ingliza huma l-Artikolu 213 (`fraudulent trading`), u l-Artikolu 214 (`wrongful trading`).

Iz-zewg kuncetti ta` kummerc bi frodi u kummerc hazin jixxiebhu, bid-differenza tkun li f`kaz ta` kummerc bi frodi irid jirrizulta li kien hemm il-hsieb li jigu ppregjudikati l-krediturі tal-kumpanija. F`kaz li jirrizulta kummerc bi frodi jew hazin, il-ligi tkontempla it-tnehhija tar-responsabilita` limitata tad-diretturi, bir-responsabilita` personali taghhom tkun kompluta u ampia f`kaz li jirrizulta kummerc bi frodi.

Waqt it-trattazzjoni, kien hemm insistenza da parti tal-intimati li l-principji ta` "**Gourdain vs Nadler**" (op. cit.) mhux applikabbli ghall-kaz tal-lum, peress li **Gourdain** kienet azzjoni li kienet tikkompeti lill-istralcjarju biss, mentri l-azzjoni tal-lum tispetta anke lil kull kreditur.

Din il-Qorti hija tal-fehma li r-rekwizit li ghandu jigi nvestigat biex jigi stabbilit jekk tapplikax l-eskluzjoni tal-Art 1 u 2(b) ta` Brussels 1 huwa jekk l-azzjoni li saret mill-istralcjarju hjiex azzjoni li hija konnessa u derivanti direttament mill-proceduri ta` insolvenza.

Il-fatt li rikors skont l-Art 315 tal-Kap 386 jista` jsir minn persuni li ma jkunux l-istralcjarju ma ghandux ifisser li ma tapplikax l-eskluzjoni fuq riferita skont Brussels 1.

L-intimati sahqu li l-azzjoni ghal *fraudulent trading* kienet tikkristalizza azzjoni li gja` kienet tezisti.

Huwa minnu li *inter alia* fis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell fil-kawza "Electronic Products Limited vs Emanuel Micallef et" (op. cit.) inghad illi : "*Qabel l-introduzzjoni ta` dawn il-provedimenti, diretturi setghu dejjem jinstabu responsabbli ta` agir bi frodi, ghax il-principju ta` fraus omnia corrumpit ma kienx jippermetti li xi hadd jiehu vantagg mill-agir frawdolenti tieghu*" : madanakollu - hekk kif ighid l-Art 315 tal-Kap 386 - l-azzjoni ghar-responsabilita` ta` agir bi frodi tista` ssir biss fl-istadju ta` l-istralc ta` kumpannija, fl-eventwalita` li jkun jidher li xi negozju tal-kumpannija jkun tmexxa bil-hsieb ta` frodi ta` krediturl tal-kumpanija jew ta` krediturl ta` xi persuna ohra jew bil-ghan ta` frodi.

Il-Qorti tghid illi l-eskluzjoni ta` Brussels 1 taghmel car li tghodd ghal *proceedings relating to the winding up of insolvent companies or other legal persons.*

Ghaldaqstant, sabiex tapplika l-eskluzjoni, l-azzjoni trid tkun tirrikjedi stat ta` insolvenza.

Issa fil-kaz odjern, jirrizulta li skond il-premessa numru 15 tar-rikors promotur, inhareg avviz dwar l-istat ta` l-insolvenza ta` EIG Ltd liema avvizi kienu ppubblikati f` *The Times of Malta* fil-21 ta` Settembru 2012; *In-Nazzjon* fis-26 ta` Settembru 2012 u l-*Orizzont* fit-2 ta` Ottubru 2012 kif ukoll fuq is-sit elettroniku ta` EIG.

Din il-Qorti tara li tenut ta` dan kollu u tac-cirkostanzi partikolari ta` dan il-kaz, din l-azzjoni odjerna ta` *fraudulent trading* hija direttament konnessa ma` proceduri ta` insolvenza u ta` stralc.

Ghaldaqstant din il-Qorti tikkonkludi li ghal kaz odjern tapplika l-eskluzjoni ravvizata fl-Art 1 u 2(b) ta` Brussels 1.

Dan premess, din il-Qorti taghmel car illi fil-fehma taghha – lanqas ma tapplika il-European Insolvency Regulation 1346/2000, peress li din ma tapplikax ghas-suq tas-servizzi tal-assikurazzjoni, li kien in-negozju propju ta` EIG Limited.

Premess dan ukoll, il-Qorti hija konsapevoli li d-Direttiva 2009/138/EC : "**On the taking-up and pursuit of the business of Insurance and Reinsurance (Solvency II)**" taghti l-ghazla fl-Art 293 illi l-amministraturi u likwidaturi "*shall be entitled to exercise within the territory of all the Member States all the powers which they are entitled to exercise within the territory of the home Member State"* izda dik ghazla li jrid jaghmel l-istralcjarju.

Fil-kaz tal-lum, l-istralcjarju ghazel li jsejjes il-gurisdizzjoni ta` din il-Qorti fuq l-Art 742(1)(b) tal-Kap 12. Il-Qorti sejra tara ghandux ragun fid-dritt.

L-Art 742(1)(b) tal-Kap 12 ighid :-

Bla hsara ta` fejn il-ligi tiddisponi espressament xort` ohra, il-Qrati Civili ta` Malta, minghajr ebda distinzjoni jew privilegg, ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw … kull persuna, sakemm jew ghandha d-domicilju taghha jew tkun toqghod jew tkun qeghda Malta.

Ir-rikorrenti noe jaghmel l-argument li ghalkemm mhuwiex kontestat li l-intimati mhux domiciljati Malta, din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tisma` u tiddeciedi l-kawza billi EIG Limited li hija socjeta` Maltija. Ghalhekk japplika l-Art 742(1)(b) tal-Kap 12.

L-argument tar-rikorrent noe huwa kontestat mill-intimati li jikkontendu li l-Art 742 (1)(b) tal-Kap 12 mhux applikabbli.

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/LSO**) tas-26 ta` Setembru 2013 fil-kawza "**Mario Schembri et vs Dr. Anthony Galea Debono et noe**" fejn inghad hekk :-

L-artikolu 742 tal-Kap 12 jibda biex jiddisponi li

(1) Bla hsara ta` fejn il-ligi tiddisponi espressament xort` ohra, ilQrati Civili ta` Malta minghajr ebda distinzjoni jew privilegg, ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taht imsemmija" u jelenka l-kazijiet fejn il-gurisdizzjoni tal-Qrati taghna, f`materja li tkun fil-kompetenza rispettiva taghhom, tigi radikata.

Illi jibda biex jinghad li, minkejja l-mod kif l-artikolu 742(1) huwa mfisser, il-kwistjoni ta` jekk Qorti Maltija ghandhiex is-setgha li tisma`` u tqis kawza mressqa quddiemha (u li lmertu taghha jaqa` fil-kompetenza taghha)* ***trid titqies b`riferenza ghall-kwalitajiet tal-persuna mharrka, l-izjed fejn ir-raguni tal-gurisdizzjoni hija mibnija fuq il-prezenza tal-parti mharrka f`Malta.*** *Din it-tifsira m`hija xejn ghajr l-applikazzjoni tal-massima guridika ewlenija li actor sequitur forum rei u tal-ohra li tipprovdi ubi te invenio, ibi te convenio."

… Indubbjament ilkonvenut Palmer ma jaqax taht il-persuni mdahhlin flartikolu 742(1) (a) u lanqas dawk imdahhlin fl-artikolu 742(1)(b) peress li ma jirrizultax li ghandu c-cittadinanza Maltija jew li hu domiciljat f`Malta. Fuq dawn iz-zewg subartikoli, gie ritenut li l-kriterju ta` gurisdizzjoni mhuwiex daqstant ic-cittadinanza imma d-domicilju tal-konvenut.

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/JRM**) tas-16 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Angelo Cutajar and Sons Ltd v Dr. Anthony Cremona noe**" inghad hekk :-

Illi jibda biex jinghad li, minkejja l-mod kif l-artikolu 742(1) huwa msawwar, il-kwestjoni ta` jekk Qorti Maltija ghandhiex is-setgha li tisma`` u tqis kawza mressqa quddiemha (u li l-mertu taghha jaqa` fil-kompetenza tagjha) trid titqies b`riferenza ghall-kwalitajiet tal-persuna mharrka, l-izjed fejn ir-raguni tal-gurisdizzjoni hija mibnija fuq il-prezenza tal-parti mharrka f`Malta. Din it-tifsira m`hija xejn ghajr l-applikazzjoni tal-massima guridika ewlenija li actor sequitur forum rei u tal-ohra li tipprovdi ubi te invenio, ibi te convenio;

Illi, fil-kaz partikolari u mill-provi li tressqu s`issa wiehed irid ifittex jekk (a) jirrizultax li l-obbligazzjoni li biha ntrabat l-imharrek hijiex wahda li giet kontrattata f`Malta jew inkella jekk kellhiex tigi ezegwita f`Malta, u (b) jekk, minhabba l-fatt li l-imharrek ma jinsabx f`Malta fizikament, il-"prezenza" tieghu hijiex mod iehor stabilita fil-persuna tal-Kuraturi Deputati mahturin biex jidhru ghalih fl-atti tal-kawza u fl-atti l-ohrajn konnessi u ancillari;

Illi m`ghandu jkun hemm l-ebda dubju li l-ewwel tliet (3) cirkostanzi kontemplati fil-paragrafi (a), (b) u (c) tas-sub- artikolu (1) tal-artikolu 742 ma japplikawx ghal dan il-kaz. L-im_arrek proprio ma jaqa` taht l-ebda wahda mill-kategoriji ta` persuni li jistghu jitqiesu bhala persuni li l-Qrati Maltin jistghu jezercitaw gurisdizzjoni dwarhom minhabba n-nazzjonalita`, id-domicilju jew li accettaw li joqoghdu ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin.

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/NA**) tat-22 ta` Gunju 2001 fil-kawza "**Catharina Harvey vs Dr. Peter Caruana Galizia noe"** inghad hekk :-

10. Nigu issa ghall-aspetti ta` dritt. Fis-sentenzi moghtijin mill-ewwel Qorti, meritu ta` dawn iz-zewg appelli, gie ritenut, b`mod pjuttost sempicistiku li galadarba l-ligi talprocedura nostrali giet estiza, ghall-fini ta` gurisdizzjoni, biex tikkomprendi wkoll gurisdizzjoni bbazata fuq prezenza u billi l-ligi taghna – u specifikament fl-artikolu 742 tal-Kap. 12, kif emendat u mwessa` bl-Att XXIV tal-1995 – tuza l-kliem "kull persuna", allura minn dan jidher li jkun bizzejjed, ghall-fini ta` gurisdizzjoni, li almenu l-attrici kienet, bhal f`dan il-kaz, prezenti f`Malta fil-mument li gew istitwiti l-kawzi. L-ewwel Qorti hawn ghamlet ukoll riferenza ghad-decizjoni ta` din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet "Sixt – vs – Sixt" moghtija fl-14 ta` Frar 2000, fejn skond l-ewwel Qorti – skorrettement fil-fehma ta` din il-Qorti – "gie accettat il-principju illi l-fatt li wahda mill-partijiet kienet qed toqghod Malta kien sufficjenti biex il-Qrati taghna jigu investiti b`gurisdizzjoni" u ziedet ukoll tghid li "din il-Qorti thoss illi ma jistax ikun mod iehor ghax id-dicitura tal-ligi sew fit-test Malti sew f`dak Ingliz hija daqstant cara".

Din il-Qorti ezaminat is-sentenza "Sixt – vs – Sixt" (Citazzjoni Numru: 44/1197) u fl-ewwel lok sabet li bhala stat ta` fatt f`dak il-kaz kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta kienu t-tnejn Malta fil-mument li giet intavolata c-citazzjoni u ma kenitx ghalhekk qeghda tipprospetta li kellha gurisdizzjoni a bazi tal-prezenza ta` wahda jew wiehed biss mill-partijiet, sija jekk ikun attur/attrici jew konvenut/konvenuta fil-kawza.

Tant hu hekk li dik il-Qorti accettat li kellha gurisdizzjoni wara li rriteniet li "jidher ghalhekk `prima facie` li l-attur kien korrett meta intavola l-kawza odjerna semplicement a bazi talpresenza tieghu u tal-konvenuta fil-gzejjer Maltin."

Din il-Qorti, anzi bil-maqlub ta` dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti, u s`hawn l-appellant ghandu ragun fl-aggravju tieghu, tirritjeni li meta fl-artikolu 742, tal-Kap. 12, il-ligi tirreferi ghal "kull persuna" u tabbinaha, fost ohrajn, ma` mera presenza, linja hawn qeghda necessarjament, tirreferi ghall-

presenza tal-parti konvenuta fuq il-principju ta` "ubi te invenio, ibi te convenio". Diversament ikun tassew ifisser, kif tajjeb argomenta l-appellant, li jkun bizzejjed ghall-parti attrici li tkun jew tigi Malta u tharrek lil min trid indipendentement minn kull konsiderazzjoni ohra rigwardanti l-parti konvenuta – haga dina li legalment hija inaccettabbli.

Fil-kaz Sixt – vs – Sixt (ibid. supra), gie osservat ukoll in propozitu illi, "… l-attur akkwista dar f`Ghawdex u jigi f`dawn il-gzejjer minn zmien ghall-iehor u l-konvenuta tirrisjedi hawnhekk ghal-preijodi twal fis-sena minhabba illi t-tifel minuri jattendi skola lokali. Meta giet ipprezentata din il-kawza l-kontendenti nzertaw it-tnejn f`dawn il-gzejjer"…

11. Applikat dak li gie ritenut fid-decizjoni `Sixt – vs – Sixt`, mutatis mutandis, ghall-kaz in ezami, naraw li lappellant kien mhux biss iqatta`, billi jirrisjedi, diversi perijodi ta` zmien f`Malta biex ikun hdejn martu imma sahansitra xtara dar Malta u anke ghamel il-hsieb, f`xi zmien, li jaddotta tarbija tramite proceduri li kellhom jinbdew Malta. Naturalment bil-fatt li jigi stabbilit li l-Qrati taghna ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu kawza jew kawzi ta` din ix-xorta, ma jfissirx li kienet applikabbli u kellha tigi applikata ghall-fatti tal- kaz il-ligi Maltija. Pero` una volta li jigi sufficjentement stabbilit li kien hemm presenza tal-parti konvenuta, allura dan ifisser li gurisdizzjoni jkun hemm da parti ta` dik il-Qorti.

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tat-30 ta` Mejju 1995 (u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta` Jannar 2002) fil-kawza "**Av. Dr. Kevin Dingli noe vs Av. Dr. Joseph Bonnici noe**" inghad hekk b`riferenza ghall-Art 742(1) tal-Kap 12 :-

Fil-kuntest ta` dan l-Artikolu din il-Qorti trid tezamina din il-kawza tirrigwardax xi persuna f`xi wahda mis-sub-incizi ta` l-istess Artikolu 742 sub-artikolu 1.

Huwa minnu li dina l-kawza ghandha bhala zewg kontendenti, zewg persuni li l-ebda wahda minnhom ma hija cittadina Maltija jew domiciljata hawn Malta.

Pero` tirrigwarda b`mod indirett, pero` vitali socjeta` li ddomicilju taghha huwa zgur Malta.

Il-vitalita` tar-rigward huwa konsegwenza li l-azzjoni hija proprju intavolata biex tiddermina kif dina s-socjeta` sejra jkollha hajja, sejra titmexxa, stante illi persuna legali tagixxi biss permezz tad-diretturi li jidderiegi f`isimha. "

Imbaghad il-Qorti tal-Appell irriteniet :

Din il-Qorti, anke jekk mhux ezattament kif komposta, kellha l-opportunita` illi tanalizza l-Artikolu 742 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta b`mod partikolari fir-rigward tas-sub-inciz (1) li tieghu jghid illi: "Bla hsara ta` fejn il-ligi tiddisponi espressament xort`ohra, l-Qrati Civili ta` Malta minghajr ebda distinzjoni jew privilegg ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn that imsemmija."

Jigi notat illi l-ligi titkellem dwar persuni li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qrati Civili ta` Malta. Ma titkellimx biss dwar persuni li jistghu jagixxu bhala atturi jew jissejhu bhala konvenuti quddiemha. Titkellem dwar kawzi li jirrigardaw dawn il-persuni. Dan allura mhux necessarjament ifisser - ghalkemm generalment u bhala regola hekk hu l-kaz - illi l-oggett u l-meritu tal-kawza jkun dritt kontestat bejn ilkontendenti li finalment il-Qorti trid tiddeciedi lil min minnhom jappartjeni. Ifisser li l-Qorti hi wkoll kompetenti u ghandha gurisdizzjoni f`kawzi li fihom il-partijiet ikunu qeghdin jikkontestaw meritu li d-determinazzjoni tieghu, apparti li jiddefinixxi l-interess taghhom fih, ikun ukoll direttament jirrigwarda terza persuna li ma tkunx parti fil-kawza u jista` jaffettwa d-drittijiet taghha. F`dawk il-kazijiet il-Qorti tkun kompetenti tikkunsidra dak il-meritu jekk it-terza persuna tkun cittadina ta` Malta hawn domiciljata, anke li kieku altrimenti ma kienitx tkun kompetenti."

F`dik il-kawza allura din il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni illi kellha gurisdizzjoni li tittratta meritu li kien jirrigwarda linteressi ta` minuri, cittadina ta` Malta, domiciljata Malta, nonostante li l-genituri taghha kienu t-tnejn persuni li ma kienux cittadini Maltin, ma kienux domiciljati Malta u ma kienux residenti Malta. Bl-istess argument f`din il-kawza li kienet bejn zewg persuni li ma kienux cittadini Maltin u lanqas ma kienu residenti f`Malta, din il-Qorti kellha gurisdizzjoni tikkonsidra l-meritu in kwantu dan kien jirrigwarda persuna Maltija residenti Malta u cioe` socjeta` limitata debitament registrata f`dawn il-Gzejjer. Infatti l-partijiet kienu azzjonisti f`din is-socjeta` "Glovegold Shipping Ltd." u l-meritu jirrigwarda proprju l-kontestazzjoni dwar il-kariga ta` direttur ta` din listess socjeta` u li jimpingi direttament allura fuq l-amministrazzjoni taghha. Indubbjament allura l-meritu ta` din il-kawza jirrigwarda persuna - anke jekk morali - li zgurtoqghod u tirrisjedi f`Malta.

Din il-Qorti ma tarax ghaliex ma ghandhiex tadotta interpretazzjoni ta` din ix-xorta fiz-zmien ta` globalizzazzjoni tal-kummerc u nformazzjoni u

mezzi ta` komunikazzjoni. Kien pero` sa hawn li din il-Qorti estendiet l-interpretazzjoni tradizzjonali ta` l-Artikolu 742 ghax dan kien, fil-fehma taghha, konsentit mid-dicitura tieghu. Mhux korrett li jinghad kif inghad f`xi gjudikati recenzjuri li din il-Qorti fehmet b`dik linterpretazzjoni illi l-ligi riedet taghti gurisdizzjoni lill-Qrati Maltin biex jisimghu u jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw ic-cittadini ta` Malta. Mhux minnu li riedet tatihom protezzjoni shiha, kienu fejn kienu, anke jekk ma kienux residenti f`Malta u anke jekk ma kienux konvenuti quddiemha, sakemm il-meritu tal-kawza jkun jirrigwarda lilhom sakemm ikunu domiciljati Malta. Il-gudizzju ta` din il-Qorti kien biss fis-sens illi l-Qrati Maltin kellhom gurisdizzjoni illi jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw il-persuni msemmija fis-sub-incizi (a) sa (j) ta` l-Artikolu 742 sakemm ikunu jissodisfaw ir-rekwiziti kollha ta` dawk is-sub-incizi anke dawk il-persuni li ma jkunux il-partijiet fil-kawza. Allura f`dan il-kaz anke jekk il-partijiet fil-kawza ma jkunux huma stess jikkwalifikaw taht xi wahda minn dawn is-sub-incizi. Dan ifisser illi kawza bejn zewg partijiet li ma jkunux cittadini ta` Malta u ma jkunux domiciljati jew joqghodu Malta li l-meritu taghha jirrigwarda cittadin ta` Malta illi jkun stabilixxa d-domicilju tieghu band`ohra ma tkunx taqa` taht il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin sakemm naturalment ma tkunx tikkwalifika taht xi sub-inciz iehor mill-Artikolu 742.

Dawn il-precizazzjonijiet kienu mehtiega proprju biex ikun iccarat mhux biss il-hsieb ta` din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet* ***"Raymond Calleja vs l-Avukat Dottor Raymond Pace et nomine"*** *deciza fil-31 ta` Jannar 1996 li ghaliha saret riferenza aktar `il fuq u li l-konsiderandi taghha, fejn pertinenti, kellhom jitqiesu li saret riferenza ghalihom f`din is-sentenza, imma wkoll biex ma tinghatax interpretazzjoni aktar wiesgha minn dik illi l-legislatur intenda fid-dicitura ta` l-Artikolu taht ezami.

Ghalhekk – in succinct – dak li qed jirrizulta minn din il-gurisprudenza huwa li jista` jaghti l-kaz li l-Qrati Maltin ghandhom gurisdizzjoni illi jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw il-persuni msemmija fis-subincizi (a) sa (j) ta` l-Art 742 sakemm ikunu jissodisfaw ir-rekwiziti kollha ta` dawk is-subincizi anke dawk il-persuni li ma jkunux il-partijiet fil-kawza.

Fil-kaz tal-lum, it-talba saret minn stralcjarju li huwa residenti u domiciljat Malta kontra diversi intimati li huma kollha domiciljati u residenti barra minn Malta. Din il-Qorti qeghda tintalab *inter alia* li tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli personalment u *in solidum* m,inghajr ebda limitazzjoni ta` responsabilita` ghad-dejn kollu ta` EIG Ltd jew ghal dak il-porzjon jew parti tad-dejn ta` EIG Ltd skont kif jidhrilha l-

Qorti. L-esitu ta` din il-kawza jolqot direttament lil EIG Ltd u jaffettwa d-drittijiet taghha in kwantu ser jirregola jekk l-intimati jew min minnhom ghandhomx ikunu responsabbli personalment vis-à-vis l-operat ta` EIG Ltd. Din tal-ahhar hija kumpannija registrata Malta bl-ufficcju registrat taghha Malta. L-element tal-presenza huwa sodisfatt.

Din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha gurisdizzjoni biex tisma` u tiddeciedi l-mertu ta` din il-kawza abbazi tal-Art 742(1)(b) tal-Kap 12.

In kwantu ghat-tieni eccezzjoni tal-intimati Vincenzo Viscione, Paolo Viscione u Fabio Solano din sejra tkun respinta billi Brussels 1 mhix invokabbli ghall-kaz tal-lum.

In kwantu jirrigwarda l-Art 742(2) tal-Kap 12, il-Qorti tosserva li fin-nota ta` osservazzjonijiet ta` whud mill-intimati saret riferenza ghal din id-disposizzjoni li taqra :-

Il-gurisdizzjoni tal-qrati ta` kompetenza civili mhijiex eskluza mill-fatt li qorti barranija tkun qeghda titratta l-istess kawza jew kawza li ghandha x` taqsam maghha. Meta qorti barranija jkollha gurisdizzjoni konkorrenti, il-qrati jistghu fid-diskrezzjoni taghhom, jilliberaw lil-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju jew iwaqqfu l-procediment f` kaz li l-azzjoni, jekk titkompla malta, tkun vessatorja, oppressiva jew ingusta ghall-konvenut.

Abbazi tal-provi, irrizulta illi :-

(i) Kien hemm procediment kriminali (*procedimento penale number 19066/11)* li gie imwaqqaf u li kien sar kontra Solano Fabio, Viscione Vincenzo, Girardi Mario, Lago Bruno, Rotondi Luciano, Vicione Paolo, Russo Oscar u Sorice Luciano fuq *"associazione criminale e esercizio abusive dell` attivita` assicurattiva"* u *"ostacolo alla attivita` di vigilanza del regolatore"*

(ii) Kien hemm procediment iehor penali bin-numru 19072/11 li gie inizjat fuq talba specifika ta` Brian Tonna bhala stralcjarju ta` EIG Limited fejn l-akkuza kienet dwar mizapproprjazzjoni minn Paolo Viscione, Russo Oscar, Balsamini Paolo u Di Barbaro Ottavio. Din ghadha pendenti.

(iii) Saret procedura ohra kriminali bin-numru 39568/2012 kontra Paolo Viscione, Luciano Sorice u Oscar Russo fejn instabu hatja .

(iv) Inghatat sentenza fl-20 ta` april 2015 fil-kawza penali (*riparazione per l`ingiusta detenzione)* mehuda kontar Girardi; filwaqt li hemm pendenzi penali (*riparazione per l-ingiusta detenzione)* li ghadhom pendenti fir-rigward ta` Vincenzo Viscione, Fabio Solano u Bruno Lago

(v) Hemm pendenza quddiem it-Tribunal Amministrattiv ta` Ruma (Procedimento TAR) liema kaz gie miftuh minn EIG Ltd kontra d-decizjoni ta` ISVAP ghal sospensjoni tal-licenzja ta` EIG.

(vi) Hemm ukoll pendenza quddiem il-Qrati Civili bin-numru 77861/2011 li hija kawza miftuha minn CoGesFin Ltd kontra Deloitte bhala stralcjarju ta` EIG Limited.

(vii) Hemm procedura ohra civili bin-numru 61013/2011 fl-ismijiet NIf Global Services Ltd gia` Nowosad Insurance & Financial Service Ltd v Deloitte u EIG –European Insurance Group Limited. Spjega li din hija kawza fejn qed jintalab li Deloitte tinzamm responsabbli li ddistruggiet il-portofoljo tal-klijenti ta` Nowosad. Dan il-kaz gie deciz fuq punt procedurali.

(viii) Saret *denuncia* ta` Bruno Lago fil-kwalita` tieghu ta` *Presidente del Consiglio di Amministrazione della Societa` European Insurance Grop Limited* kontra *Enzo Resciniti* li kien *general manager* tal-kumpanija. Dan il-kaz gie arkivjat u imwaqqaf mill-imhallef.

(ix) Hemm proceduri civili istitwiti minn European Insurance Group Limited kontra Enzo Resciniti u ohra kontra Antonio Resciniti u Giuseppe Resciniti. Dawn iz-zewg kawzi gew decizi kontra EIG Ltd fuq punti procedurali.

Is-suddetti procedimenti ma jikkoncernawx l-intimati kollha. Lanqas ma jittrattaw proceduri ad hoc ta` kummerc bi frodi kif intiz fil-Kap 386. Madankollu jista` jitqies li dawk il-kawzi ghandhom x`jaqsmu ma` dik tal-lum.

Dan premess din il-Qorti tqis illi huwa wisq prematur li tuza d-diskrezzjoni taghha skont l-Art 742(2) tal-Kap 12. Fl-istadju attwali tal-kawza, ma sarux provi li wasslu lill-Qorti biex tikkonkludi li l-prosegwiment tas-smigh tal-kawza Malta jivvessa, jopprimi jew ikun ingust fil-konfront tal-intimati.

Uhud mill-intimati jsostnu illi r-rwol tal-likwidatur qieghed jigi kontestat u li dan kien inadempjenti fl-obbligi tieghu. Kien allegat li l-likwidatur fittex biss lil nies li kienu barranin u mhux lil dawk li ghandhom domicilju Malti kif ukoll li dawn il-proceduri odjerni huma inutli ghaliex mhux ser ikun ezegwibbli.

Madankollu ma tressqux provi sabiex isostnu dak li nghad fil-paragrafu precedenti.

Anke ghalhekk il-Qorti mhijiex ser tezercita d-diskrezzjoni taghha – almenu fl-istadju attwali ta` dan il-procediment.

Dan premess, il-Qorti tirrileva li kien eccepit minn xi intimati li din il-Qorti mhijiex kompetenti sabiex tisma` dan ir-rikors ghaliex it-talba tittratta rizarciment ta` danni.

Din l-eccezzjoni hija nfondata anke meta jitqies li t-talba ewlenija hija dik tad-dikjarazzjoni ta` responsabilita`.

Dan ukoll premess, il-Qorti tghid illi r-raba` eccezzjoni tal-intimat Antonio Resciniti mhijiex sostenibbli.

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tal-14 ta` Marzu 2013 fil-kawza "**GO plc (C 22334) v. Waldonet Limited (C 19194)**" inghad hekk :-

L-Art 742 tal-Kap 12 jirregola l-gurisdizzjoni tal-qrati taghna. Meta d-disposizzjoni kienet emendata bl-Art 283 tal-Att XXIV tal-1995 kienu introdotti inter alia s-subincizi (3) u (4) li jaqraw hekk –

(3) Il-gurisdizzjoni tal-qrati ta` kompetenza civili mhijiex eskluza mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta` arbitragg bejn il-partijiet, sew jekk il-procedimenti ta` arbitragg ikunu nbdew jew le, f`liema kaz il-qorti, bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta` kull ligi li tirregola l-arbitragg, ghandha twaqqaf il-procedimenti minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) u ghas- setgha li ghandha l-qorti li taghti kull ordni jew direttiva.

(4) Meta ssir talba minn persuna li tkun parti fi ftehim ta` arbitragg, il-qrati jistghu johorgu kull att kawtelatorju, f`liema kaz, jekk dik

il-parti tkun ghadha ma ressqitx it-talba taghha quddiem arbitru, it-termini stabbiliti f`dan il-Kodici li fihom ghandha tinbeda l-azzjoni dwar ittalba ghandhom ikunu ta` ghoxrin jum mid-data tal-hrug tal-att kawtelatorju.

*Dwar l-Art 742(3) tal-Kap 12, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-4 ta` Mejju 1998 fil-kawza "**Camilleri vs Zammit noe**" qalet hekk –*

*... il-ligi (fl-artikolu 742(3) kif emendat) riedet li jigi assigurat li l-gurisdizzjoni tal-qorti ta` kompetenza civili ma tkunx eskluza mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta` arbitragg bejn il-partijiet. Riedet allura tassigura li l-qrati civili jkunu jistghu u jkollhom ilkompetenza li jissindikaw il-validita` ta` tali ftehim ta` arbitragg, li kellhom id-dritt li jirregolaw il-proceduri skont kif trid il-ligi u anke li jkollhom il-kompetenza u l-gurisdizzjoni li jassiguraw l-ezegwibilita` taddecizjonijiet arbitrali permezz ta` atti u mandat kawtelatorji, kif ukoll atti u mandati ezekuttivi. Dan ifisser illi d-disposizzjoniji 742(3) ma kenitx intiza biex tinnewtralizza l-effikacja ta` klawsola arbitrali, imma intiza biss biex tassigura li jkunu l-qrati civili li jkollhom il-gurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsoli arbitrali kellhom jigu mhaddma u dana billi jkollhom il-poter li jaghmlu tajjeb u jaghtu direttivi filkaz li jkun hemm lakuni jew diffikultajiet fil-mod kif tali klawsoli kellhom jigu proceduralment imhaddma fil-prattika. … (ara wkoll – fejn rilevanti ghall-kaz tal-lum – **"Malta Shipyards Ltd. vs VPJ Ltd"** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Novembru 2012).*

Dan premess, ghandu jinghad illi in linea generali ilqrati taghna qiesu bhala validi klawsoli inseriti f`kuntratti li jeskludu l-gurisdizzjoni taghhom a favur ta` proceduri arbitrali u dan in omagg ghall-volonta` libera tal-partijiet (Appell Kummercjali : "**Vella vs Mamo noe**" : 13 ta` Ottubru 1994 ; u PA/FS : "Grech vs Cutajar et" : 1 ta` Dicembru 2008 fost ohrajn).

*Cio` nonostante, anke qabel l-emendi tal-1995, il-qrati taghna hadu linja fis-sens illi ghalkemm jirrispettaw dawk il-klawsoli arbitrali, il-qrati kellhom gurisdizzjoni konkorrenti bid-dritt li tissindaka lezekuzzjoni tal-klawsoli arbitrali (Qorti tal-Appell : **"Xuereb vs Accountant General"** : 28 ta` Frar 1997 ; u PA/GCD : **"Cefai noe vs Valletta Freight Services Limited"** fost ohrajn). Bl-emendi tal-1995, dak li kien fil-prattika kien isir mill-qrati taghna sar ligi. "*

Il-kawza tal-lum saret kontra diversi intimati izda klawsola arbitrali kienet inserita biss fil-kuntratt markat Dok AR02.

Fil-kaz fuq riferit, il-Qorti, abbazi ta` l-Art 742(3) tal-Kap 12 kif ukoll in vista tal-fatt li "piecemeal litigation" mhijiex favorevoli ghall-partiiet u ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja, cahdet dik l-eccezzjoni preliminari.

L-istess sejra taghmel il-Qorti fil-kaz tal-lum.

Decide

Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi :-

Tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-intimat Enzo Resciniti.

Tichad l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba` eccezzjonijiet tal-intimat Antonio Resciniti.

Tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-intimati Vincenzo Viscione, Paolo Viscione u Fabio Solano.

Tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-intimat Bruno Lago.

Tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-intimati Luciano Sorice u Compagnia Generale Servizi e Finanza CO.GE.S.FIN Limited.

Tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-intimat Pier Giuseppe Giua.

Tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-intimat Giuseppe sive` Pino Resciniti.

Tiddikjara li ghandha gurisdizzjoni sabiex tisma` u tiddeciedi din il-kawza abbazi tal-Art 742(1)(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.

Onor. Joseph Zammit McKeon
Imhallef

Amanda Cassar
Deputat Registratur